MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 37/2008/1

**Peter Paul Muscat**

**v.**

**Mario Muscat f'ismu proprju, kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Muscat Marine Limited (C-15259); Cranes & Commercial Sales Limited (C-5874) gia` maghrufa bhala J. Cassar Commercial Plant Sales Limited; John Portelli Enterprises Limited(C-4230); International Timber Products Limited (C-18971) u b'digriet tal-4 ta' April 2011 din il-kumpanija giet akkwistata minn F.X.B. Holdings Limited (C-9069) u dan b'rizultat ta' amalgamazzjoni; F.X. Borg Furniture Limited (C-2214); United Equipment Co.**

**(UNEC) Limited (C-10827); Joseph Caruana Co. Ltd (C-5918); Bank of Valletta p.l.c (C-2833); ir-Registratur tal-Qorti; u b'digriet tat-18 ta' Settembru 2008, issejjah fil-kawza l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li ressaq ir-rikorrent fl-14 ta' Lulju, 2008, li jaqra hekk:

"Illi permezz ta' Citazzjoni nru. 51/2002 ipprezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri), ir-rikorrent talab lill-Qorti msemmija sabiex:

"(1) Tiddikjara illi l-*bungalow* minghajr numru u bla isem u l-art ta' madwarha maghrufa bhala "Tal-Gudja", sive "Tal-Kanura", fil-kuntrada ta' Ghormos fil-limiti ta' Had Dingli accessibbli minn triq gdida bla isem, u l-intier tal-kapacita` superficjali ta' madwar disat itmiem ekwivalenti ghal ghaxart elef, mija u sittax-il metru kwadru, konfinanti mill-Punent ma' sqaq bla isem, Lvant u Nofsinhar ma' toroq godda bla isem, akkwistata mill-intimat Mario Muscat permezz ta' kuntratt ta' xiri fl-atti tan-Nutar Charles Mangion tal-15 ta' April 1995, hija proprjeta` tar-rikorrent odjern ghaliex giet akkwistata fl-isem u fl-interess tieghu u bhala *presta nome* tieghu.

"(2) Konsegwentement tiddikjara li s-subbasta fl-ismijiet Cranes and Commercial Sales v. Mario Muscat pro et noe (Subb. Nru. 16/99) tigi ddikjarata nulla u bla effett peress li jirrigwarda proprjeta` li ma tappartenix lid-debitur;

"(3) Tirrexxindi u tannulla l-istess proceduri tas-subbasta; u

"(4) Tordna t-trasferiment tal-fond fuq imsemmi favur ir-rikorrent odjern permezz ta' att pubbliku, bin-nomina u dan billi jigi nominat Nutar Pubbliku Malti sabiex jippublika l-att tat-trasferiment effettiv, fid-data, hin u lok li jigu stabbiliti, u bin-nomina ta' kuratur deputat sabiex

jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-att ta’ trasferiment effettiv.

“Illi kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Ottubru 2004, il-kawza giet “differita ghall-provi tal-kontendenti u trattazzjoni finali ghall-5 ta’ Novembru 2004 fil-11a.m. bl-intiza li jekk ser jitressqu xi xhieda, dawn iridu jitressqu *viva voce* fl-udjenza”;

“Illi in preparazzjoni ghas-seduta tal-5 ta’ Novembru 2004, ir-rikorrent talab ghall-hrug ta’ mandat ta’ tahrika ta’ diversi xhieda inkluz ta’ Victor Cauchi li huwa rapprezentant tas-socjeta` konvenuta Bank of Valletta plc. Illi waqt is-seduta tal-5 ta’ Novembru 2004 ir-rikorrent ressaq ix-xhieda tieghu pero` ma kienx f’posizzjoni illi jiddikjara l-gheluq tal-provi tieghu peress li r-riferta tat-tahrika ta’ xhud ta’ Victor Cauchi kienet negattiva, u r-rikorrent insista illi jipproduci l-istess xhud u dan peress li Victor Cauchi huwa xhud importantissimu ghar-rigward tal-prova li jrid jaghmel l-attur u cioe` li ghalkemm id-dar inkwistjoni nxtrat mill-konvenut Mario Muscat, din inxtrat ghan-nom tal-attur Peter Paul Muscat;

“Illi l-Qorti minkejja r-riferta negattiva tax-xhud Victor Cauchi, cahdet it-talba ghal differiment sabiex jixhed l-imsemmi xhud u dan peress illi l-istess xhud ma giex indikat mill-attur fil-lista tax-xhieda tieghu;
“Illi l-Qorti baqghet tinsisti illi l-attur kellu jaghlaq il-provi f’dik is-seduta stess u dan minkejja l-fatt li kien qieghed jaghfas il-hin. Fil-fatt mill-Verbal tal-istess seduta, Dr. Alfred Grech, il-konsulent legali tar-rikorrent, “iddikjara illi saru s-siegha ta’ wara nofsinhar, u ma huwiex fi stat mentali u fiziku li jkompli jaghmel ix-xoghol tieghu minhabba ezawriment”.

“Illi minkejja dan, il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawza u ghaddiet sabiex tisma’ l-provi tal-konvenut, minghajr ma l-attur iddikjara l-gheluq tal-provi tieghu.

“Illi s-seduta kompliet bix-xhieda tal-konvenut Mario Muscat li spjega xi punti mill-affidavit li kien pprezenta dakinhar stess tas-seduta. Hawn ukoll il-Qorti ddecidiet

tghaddi ghas-sentenza minghajr ma l-attur kien f'posizzjoni illi jaghmel il-kontro-ezami tal-istess xhud, mhux biss ghaliex kif gia` ntqal, il-konsulent legali tal-attur ma kienx f'qaghda li jipprosegwixxi b'xogholu, izda aktar u aktar peress li r-rikorrent gie rinfaccjat b'affidavit dakinhar stess u dan minghajr ma nghata l-opportunita` u z-zmien li jigi ezaminat kif jixraq.

"Illi minkejja dan kollu, il-Qorti baqghet tinsisti li l-partijiet kienu mgharrfa li l-provi kellhom jingabru kollha f'dik is-seduta, u sahansitra pprocediet biex tisma' t-trattazzjoni tal-konsulent legali tal-konvenut u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza.

"Illi l-Qorti, fis-sentenza taghha, cahdet it-talbiet tal-attur stante li skont l-istess Qorti l-allegazzjonijiet tieghu kif dedotti fic-citazzjoni tieghu ma gewx sodisfacentement ippruvati.

"Illi l-attur hassu ruhu aggravat b'din is-sentenza u interpona appell fejn talab lill-Qorti tal-Appell:

""A. Thassar u tirrevoka l-provvedimenti li bihom l-ewwel Onorabbli Qorti:

"1) cahdet it-talba ghal differiment stante li Dr. Grech *"ma huwiex fi stat mentali u fiziku li jkompli jaghmel ix-xoghol tieghu minhabba ezawriment";*

"2) semghet ix-xhieda tal-konvenut u t-trattazzjoni tal-kawza;

"3) cahdet it-talba ghal differiment sabiex jitharrek ix-xhud Victor Cauchi u tghaddi biex tilqa' t-talbiet attrici f'dan ir-rigward; u

"B. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tghaddi biex tiddeciedi finalment il-kawza premessa.

"Illi fost l-aggravji mressqa, l-attur ilmenta li l-ewwel Onorabbli Qorti ma tatux opportunita` shiha u konkreta biex iressaq il-provi tieghu b'mod konformi ma' l-ezigenzi

tal-kaz tieghu. L-ewwel Qorti kompliet bis-seduta u ghalqet il-proceduri f'sitwazzjoni fejn l-attur appellant kien effettivament sprovvist minn avukat u dan minghajr tort tieghu jew tal-Avukat tieghu u b'hekk cahditu minn smiegh xieraq kif kellu dritt skont il-ligi. Ghalhekk, l-attur ilmenta li l-ewwel Qorti ma setghetx tipprocedi kif ipprocediet izda kellha taghti l-opportunita` shiha biex jipprezenta l-kaz tieghu bl-ahjar mod possibli, haga li cahditu minnha.

"Illi dwar dan l-aggravju, il-Qorti tal-Appell sostniet li l-ewwel Qorti tat opportunita` ampja lill-attur appellant biex jipprezenta l-provi kollha li xtaq quddiemha. Il-Qorti tal-Appell issostni li l-attur appellant kellu ghad-disposizzjoni tieghu hames seduti biex iressaq il-provi tieghu "u qieghed jippretendi li huwa kellu dritt li dawn is-seduti ma jutilizzahomx impunement". Il-Qorti tal-Appell dehrilha li l-ewwel Qorti kellha ragun ma tilqax it-talbiet tal-attur, fid-dawl tal-operat passat tieghu, biex tevita li l-kawza tkompli titwal, u b'hekk skont il-Qorti tal-Appell ma kien hemm l-ebda skorrettezza min-naha tal-ewwel Qorti, f'dak kollu li ghamlet u li pprovdiet fl-udjenza tal-5 ta' Novembru 2004.

"Illi huwa car u manifest li d-Dritt Fundamentali tar-rikorrent ghal smiegh xieraq *ai termini* tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta gie lez serjament u dan peress li r-rikorrent gie mcahhad milli jressaq il-provi tieghu b'mod konformi ma' l-ezigenzi tal-kaz tieghu.

**"1. <u>Il-Qorti cahdet it-talba ghal differiment sabiex jigi prodott xhud deskritt mill-attur bhala "importantissimu" liema xhud ma kienx gie notifikat minkejja li kienet inhargitlu l-appozitu Mandat tat-tahrika</u>;**

"Illi kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-5 ta' Novembru 2004, il-Qorti cahdet it-talba tal-attur ghal differiment sabiex fis-seduta li jmiss huwa jkun jista' jipproduci lill-Victor Cauchi, li kien imharrek ghas-seduta tal-5 ta' Novembru 2004, izda pero`, ir-riferta tieghu rrizulta li kienet wahda negattiva. Il-Qorti mmotivat din ic-cahda billi

skont l-istess Qorti dan ma kienx indikat fil-lista tax-xhieda tal-attur. Illi fost ix-xhieda ndikati fil-lista tax-xhieda mac-Citazzjoni, l-attur semma lid-"Diretturi u Managers tal-kumpaniji konvenuti lkoll sabiex personalment jixhdu dwar l-intendiment u ta' min huma kienu qeghdin jinnegozjaw u l-proprjeta` ta' min kienet qeghdha titpogga bhala sigurta`". Illi Victor Cauchi fi zmien inkwistjoni kien Manager mas-socjeta` Bank of. Valletta plc, liema socjeta` hija konvenuta fil-kawza *de quo*. Illi ghalhekk m'huwiex minnu li x-xhud Victor Cauchi ma kienx indikat fil-lista tax-xhieda tar-rikorrent u konsegwentement il-motivazzjoni tal-Qorti kienet wahda zbaljata bi pregudizzju serju ghal gbir tal-provi tal-istess rikorrent li fl-istess seduta ddikjara li dan ix-xhud kien wiehed "importantissimu" ghar-rigward tal-prova li jrid jaghmel l-attur u cioe` li ghalihom id-dar inkwistjoni nxtrat mill-konvenut Mario Muscat, din inxtrat ghan-nom tal-attur Peter Paul Muscat.

"Illi l-fatt li x-xhud Victor Cauchi ma kienx prezenti ghas-seduta msemmija zgur li ma kienitx htija tar-rikorrent. Illi r-rikorrent ghamel dak kollu li kien necessarju sabiex l-istess xhud jitla' jixhed fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2004, u kwindi r-rikorrent ma kellux jigi mcahhad milli jressaq lill-istess xhud f'seduta sussegwenti. Il-posizzjoni setghet tkun differenti f'kaz li r-rikorrent ma weriex interess f'dan ix-xhud u naqas milli johrog tahrika lill-istess. Pero` dan ma kienx il-kaz. Ir-rikorrent ghamel minn kollox biex jottempera ruhu mal-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ottubru 2004, u cioe` li jipproduci x-xhieda tieghu kollha fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2004, tant li huwa harrek tmien xhieda ghal dik is-seduta. Madankollu, ir-rikorrent ma kienx f'posizzjoni illi jaghlaq il-provi tieghu peress li wiehed mix-xhieda ma giex debitament notifikat ghal raguni li kienet barra mill-kontroll tal-istess rikorrent.

"Kull parti f'kawza ghandha tinghata l-opportunita` illi tezawrixxi l-provi taghha;

""…meta parti f'kawza ma tkunx inghatat l-opportunita` li tinstema' fuq il-**mertu jew li tezawrixxi l-provi kollha taghha tkun tezisti fir-rigward gustifikazzjoni procedurali biex f'dan il-kaz is-sentenza tigi dikjarata**

**nulla u b'hekk jigi rivendikat id-dritt taghha**. Gie osservat f'dan il-kuntest illi "din mhix kwistjoni ta' semplici forma f'liema kaz il-Qorti ma kienitx tannulla s-sentenza fil-mertu hlief jekk ikun jidhrilha li, fis-sustanza, ma kienitx gusta, imma si tratta ta' kaz fejn is-sentenza fil-meritu ma messhiex u ma setghetx legalment tinghata meta nghatat."[1]

"Indubbjament wiehed irid janalizza kull kaz fic-cirkostanzi specifici tieghu nkluz il-volontarjeta` o meno ta' xi nuqqas da parti ta' xi parti fil-kawza. Il-Qrati taghna sikwiet sostnew illi f'kazijiet fejn jista' jigi lez xi dritt ta' xi parti, minkejja l-agir tieghu fil-kawza xi drabi huwa ahjar li l-Qorti tkun rigida sabiex tizgura li f'kull kaz issir il-gustizzja;

""…huwa dejjem ahjar, fejn tidhol il-gustizzja, u minghajr ma jcedi ghall-indulgenza zejda, li wiehed *semmai* jippekka fuq in-naha tal-generozita` mal-parti li thossha aggravata, u dan biex kulhadd ikun sodisfatt li l-gustizzja mhux biss qeghdha ssir imma qeghdha ssir manifestament"[2]

"Illi l-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Nazzareno Zammit et v. Josephine Falzon, deciza fl-10 ta' Marzu 2004, irreferiet ghas-silta fuq kwotata fil-kawza li kellha quddiemha. Din kienet titratta sitwazzjoni fejn minkejja diversi differimenti ghal provi tal-intimata appellanti, u minkejja li l-kawza kienet differita ghall-ahhar darba sabiex l-intimati ggib il-provi kollha taghha, hija u l-avukat taghha naqqsu milli jattendu l-istess bil-konsegwenza li l-kawza thalliet ghas-sentenza. Il-Qorti tal-Appell irriteniet illi c-cirkostanzi ndikati fl-aggravju tal-intimata appellanti, u cioe` illi l-avukat tal-intimata kienet hadet zball meta hadet id-data tad-differiment u kien ghalhekk illi ma kienux dehru la l-avukat u lanqas l-intimata fl-ahhar seduta qabel ma nghatat is-sentenza, kienu tali li kienu jimmeritaw l-indulgenza taghha.
""In vista tal-assigurazzjoni lilha moghtija mill-avukat tal-appellant dwar ic-cirkostanzi kif issuccedew f'dan il-kaz, u

---

[1] **Saviour Chircop et v. Av. Dr. Rene` Frendo Randon noe**, Appell Civili 12 ta' Ottubru 1979
[2] **Agostino Mangion v. Angelo Mangion**, Prim'Awla, Qorti Civili, 25 ta' Lulju 1969

gialadarba wkoll din il-Qorti hi sodisfatta li f'dan il-kaz dak li gara ma sehhx minhabba xi agir volontarju tal-intimata appellanti, ser tghaddi biex tilqa' l-appell taghha fuq l-ewwel aggravju."

"Illi r-rikorrent jissottometti illi daqskemm il-Qorti tal-Appell fil-kawza fuq citata hassitha li kellha tkun indulgenti quddiem ic-cirkostanzi migjuba quddiemha, wisq aktar missha kienet indulgenti l-Qorti quddiem ic-cirkostanzi tal-kaz hawn in ezami, fejn ir-rikorrenti u l-avukat tieghu mhux biss ippreparaw ghas-seduta intiza sabiex jingabru l-provi tieghu, izda wkoll attenda ghall-istess seduta u gabar il-provi kollha li seta' f'dak l-istadju. Zgur li ma kien hemm l-ebda volontarjeta` da parti tar-rikorrent li x-xhud Victor Cauchi ma giex notifikat bit-tahrika appozita u wisq anqas ma kien hemm volontarjeta` da parti tal-avukat tar-rikorrent li hass li ma setax ikompli b'xogholu minhabba ezawriment.

**"2. <u>Il-Qorti ppretendiet u kompliet tinsisti li r-rikorrent ikompli jigbor il-provi tieghu u jittratta l-kaz minkejja li huwa kien sprovvist mill-avukat tieghu</u>;**

"Mill-istess verbal tas-seduta tal-5 ta' Novembru 2004 jirrizulta li l-Qorti cahdet ukoll it-talba tal-avukat tar-rikorrent minkejja li sostna li huwa "m'huwiex fi stat mentali u fiziku li jkompli jaghmel ix-xoghol tieghu minhabba ezawriment." Fil-fatt fl-istess verbal jirrizulta li minkejja li apprezzat li sar il-hin u li l-avukat jista' ma jkunx f'posizzjoni li jkompli bis-seduta, il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawza u stiednet lill-attur jipproduci kwalunkwe provi li baqghalu. B'hekk l-attur spicca f'posizzjoni illi ma kienx fil-qaghda li jkompli jipprezenta l-provi tieghu, inkluz il-kontro-ezami tal-konvenut, stante li f'dak l-istadju huwa kien nieqes minn rapprezentanza legali **<u>effettiva</u>**, u dan minkejja li l-Qorti kienet konsapevoli mill-indisponibilta` tar-rapprezentant legali tar-rikorrent. B'hekk ir-rikorrent spicca f'posizzjoni ta' zvantagg sostanzjali, bi ksur tal-principju kostituzzjonali u konvenzjonali tal-*equality of arms*.

"Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Civili fil-kawza fl-ismijiet Saviour Farrugia v. Direttur tas-Sigurta` Socjali[3], "Innegabilment, *in linea* preliminari ta' principju, hemm qbil illi d-dritt ghas-smiegh xieraq u l-facilita` li, fid-difiza tal-kaz tieghu, persuna ghandha jkollha rapprezentanza legali adegwat u effettiva. Dan, anke wkoll, sabiex jigi osservat il-principju kostituzzjonali u konvenzjonali tal-*equality of arms.*"

L-awturi Harris, Boyle u Warbrick isostnu illi:

*""The right to a fair hearing also requires compliance with the principle of Equality of Arms. The commission has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases as entailing that everyone who is party to such proceedings shall* ***have a reasonable opportunity of presenting his case to the court under conditions which do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent.*** *"*[4]

"Huwa principju ben assodat illi kull parti fi procediment ghandha jkollha l-opportunita` li tiddefendi l-kaz taghha u taghmel is-sottomissjonijiet kollha taghha, inkluz il-fakkolta` li tikkontrolla u tressaq dawk il-provi kollha in sostenn tat-tezi taghha.

*""The Court has already stated on a number of occasions that the right to a fair trial, as guaranteed by Article 6(1) of the Convention, must be construed in the light of the rule of law, one of the fundamental aspects of which is the principle of legal certainty, which requires that all litigants should have an effective legal remedy enabling them to assert their civil rights* (enfasi mizjuda)."[5]

"Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza bl-ismijiet Onor. Imhallef Dr. Anton Depasquale v. Avukat Generali[6] ikkonfermat illi;

---

[3] Appell Civili Nru. 6/2004, deciza 23 ta' Frar 2005
[4] Harris, Boyle u Warbrick, "Law of the European Convention on Human Rights", pagna 207; **Kaufman v. Belgium**, No. 10938/84 (1986)
[5] Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-decizjoni fl-ismijiet Beles and Others v. Czech Republic (12 ta' Novembru 2002)
[6] Deciza 19/09/2001

""…f'kawzi ta' natura kontenzjuza l-principju ta' *equality of arms* ifisser li kull parti trid tinghata opportunita` ragjonevoli sabiex tipprezenta l-kaz taghha – inkluzi l-provi – taht kundizzjonijiet li ma jpogguhiex fi zvantagg sostanzjali fil-konfront tal-kontro-parti."

"Illi dwar l-effikacita` tar-rapprezentanza legali tal-partijiet fil-qafas tal-principju tal-*equality of arms*, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Pulizija v. Carmel sive Charles Ellul Sullivan et[7] qalet:

""Issa jekk l-imsemmija akkuzati ghandhom taht l-Art. 39(2) dritt ghal smiegh xieraq fil-kawza riferita fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, dan jimporta li ghandhom dritt ghall-rapprezentanza legali adegwata u effettiva, u dan anke wkoll sabiex jigi osservat il-principju kostituzzjonali tal-*equality of arms* li skont il-Fawcett, op.cit.pag. 154 *"is an expression of the rule 'audi alteram partem' and implies that each party to the proceedings before a tribunal must be given a full opportunity to present his case, both on facts and in law, and to comment on the case presented by his opponent. This opportunity must be equal between the parties and limited only by the duty of the tribunal to prevent in any form an undue prolongation or delay of the proceedings. The Commission strives to observe the principle of the equality of arms in its own proceedings…"*. Jekk parti ma jkollhiex rapprezentanza legali adegwata u effettiva, ma jistax jinghad li qeghdha tigi moghtija *'a full opportunity'* biex tipprezenta l-kaz taghha u dan bi vjolazzjoni tal-principju kostituzzjonali tal-*equality of arms* li l-istess Kummissjoni Ewropea ssegwi u tosserva fil-proceduri quddiemha."

"Illi l-Qorti bl-agir taghha illi tipprocedi bil-kawza nonostante d-dikjarazzjoni tal-avukat tar-rikorrent li ma kienx fi stat fiziku u mentali li jkompli bis-seduta, tfisser li l-istess Qorti ppretendiet illi r-rikorrent ikompli jigbor il-provi, jaghmel il-kontro-ezami tal-konvenut, u jittratta l-kaz minghajr l-assistenza tad-difensur tieghu. B'hekk ir-rikorrent gie michud mid-dritt ta' access effettiv ghall-qrati.

[7] Deciza 05/04/1989

**“3. <u>Il-Qorti ppretendiet illi l-attur jaghmel il-kontro-ezami tax-xhud Mario Muscat li xehed permezz tal-procedura tal-affidavit, u liema affidavit gie moghti lir-rikorrent dakinhar stess tas-seduta msemmija</u>**

“Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fl-imsijiet Gaetano Busuttil v. Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali[8] stqarret illi

““Il-produzzjoni ta’ xhieda permezz ta’ affidavit…hi materja rregolata permezz tad-dritt procedurali tal-pajjiz imma certament ma jistax jinghad li hemm xi oggezzjoni *di fondo* ghall-principju, fuq bazi kostituzzjonali, li tipprekludi produzzjoni tieghu b'mod li kienet tikkostitwixxi a priori lezjoni tad-dritt fundamentali ta’ smiegh xieraq jew ta’ xi aspett tieghu. Ghandu jkun ovvju illi l-essenzjal mil-lat prettament kostituzzjonali u mhux minn dak ta’ opportunita` procedurali hu li l-kontroparti jkollha ampja possibilta` mhux biss li tikkontrolla tal-prova imma wkoll li tikkontrobattiha billi tipproduci lix-xhud li hekk ikun “iddepona” ghall-kontro-ezami.”

“Fil-kaz in ezami din il-possibilta` ma kienitx disponibbli ghar-rikorrent. Il-fatt li l-Qorti stiednet lill-attur jaghmel il-kontro-ezami tal-konvenut Mario Muscat fis-seduta tal-5 ta’ Novembru 2004, ma jfisser bl-ebda mod li r-rikorrent kien fil-posizzjoni effettiva illi jaghmel dan. Dan qieghed jinghad mhux biss minhabba l-indisponibbilta` tal-avukat tar-rikorrent illi jaghmel dan, kif gia` gie spjegat qabel, izda principalment minhabba l-fatt li r-rikorrent gie a konjizzjoni tal-affidavit tal-konvenut Mario Muscat dakinhar stess tas-seduta tal-5 ta’ Novembru 2004, u cioe` l-istess seduta li l-Qorti ppretendiet li r-rikorrent jaghmel l-imsemmi kontro-ezami.

“Illi l-ewwelnett jigi osservat li l-Qorti accettat il-prezentazzjoni tal-affidavit tal-konvenut Mario Muscat minkejja l-fatt li fil-verbal tas-seduta precedenti l-istess Qorti ghamlitha cara li xhieda kellha tingabar b’mod *viva voce*. Illi dan il-fatt jikkontrasta mal-mod ta’ kif il-Qorti

[8] Deciza 16/11/1998

mxiet mar-rikorrent, fejn il-Qorti cahdet kull talba ghal differiment, minkejja li kienu jezistu ragunijiet ragjonevoli u mhux imputabbli lir-rikorrent, bl-iskuza li skont il-verbal tas-seduta precedenti, il-Qorti kienet ghamlitha cara li l-gbir tal-provi kellu jsir waqt is-seduta tal-5 ta’ Novembru 2004. Illi l-istess verbal kien jghid li l-provi kellhom jingabru b’mod *viva voce* u ghalhekk il-Qorti ghazlet li tiddipartixxi mill-imsemmi verbal fil-konfront tal-konvenut Mario Muscat izda mhux ghar-rikorrent, minkejja li t-talba tar-rikorrent ghal differiment kienet wahda ragjonevoli. Il-Qorti b’hekk mhux biss imxiet b'mod mhux ugwali bejn il-partijiet, izda aghar u aghar ippregudikat id-dritt tal-kontro-ezami tar-rikorrent, u dan stante li minkejja l-affidavit gie pprezentat dakinhar tas-seduta tal-5 ta’ Novembru 2004 (u dan kontra l-ordni taghha li l-provi jsiru *viva voce*), il-Qorti nsistiet li tikkonferma dik il-parti tal-verbal fejn ordnat li l-provi jingabru kollha f’dik is-seduta, u b’hekk ir-rikorrent ma kellux opportunita` illi jgharbel l-affidavit u jipprepara kif jixraq ghal kontro-ezami tal-konvenut.

“Illi fl-umli fehma tar-rikorrent, wiehed ma jistax jargumenta li r-rikorrent inghata smiegh xieraq billi nghata l-opportunita` illi jaghmel il-kontro-ezami waqt is-seduta tal-5 ta’ Novembru 2004, u dan peress li l-parti mhux biss irid ikollha l-opportunita` illi jipproduci x-xhud li jkun xehed bl-affidavit ghal-kontro-ezami, izda wkoll l-opportunita` illi jipprepara ghal dan sabiex ikun f’posizzjoni li jressaq il-provi tieghu f’kundizzjonijiet li ma jpogguhiex fi zvantagg sostanzjali fil-konfront tal-kontroparti. Illi l-kontro-ezami ta’ xhieda huwa mezz importanti hafna ghal parti sabiex jipprova t-tezi tieghu, u dan peress li hija opportunita` mhux biss li jiccalengja direttament ix-xhud prodott mill-kontroparti izda wkoll huwa mezz importanti li permezz tieghu wiehed jista’ jikxef il-kredibilita` *o meno* tax-xhud. Din l-importanza tikber aktar u aktar meta x-xhieda hija prodotta permezz ta’ affidavit u dan stante li fl-affidavit, il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhud jixhed direttament u ghalhekk ma tkunx hadet idea tal-komportament tal-istess.

“Illi l-kontro-ezami ta’ Mario Muscat kienet indubbjament krucjali sabiex ir-rikorrent jipprova l-kawza tieghu. Accenn

ghal dan, ghamlu l-istess avukat tar-rikorrent meta a fol. 203 tal-process Dr. Alfred Grech stqarr lill-Qorti illi li "Kieku naghmel kontro-ezami lil Mario Muscat irrid zewg seduti shah biex naghmillu l-kontro-ezami".

"Illi mill-affidavit ta' Mario Muscat jirrizulta li l-Villa nxtrat ghall-prezz ta' mija u hamsa u sittin elf Lira Maltin (Lm165,000), li minnhom Mario Muscat sellef hamsa u disghin elf Lira Maltin (Lm95,000) mill-Bank of Valletta plc u r-rimanenti sebghin elf Lira Maltin (Lm70,000) kellu jsir bi tpartit ghal *cabin cruiser*. Mandankollu fil-kuntratt ta' akkwist tal-villa msemmija jirrizulta li l-prezz tal-istess kien biss ta' hamsa u disghin elf Lira Maltin (Lm95,000). Illi sa dak il-punt ir-rikorrent ma kienx a konoxxenza tal-ezistenza ta' kuntratt iehor fl-Atti tan-Nutar Charles Mangion tal-15 ta' Mejju 1995 fejn jidher li Mario Muscat ircieva s-somma ta' sebghin elf Lira Maltin (Lm70,000) *cash* minn J. Cassar Commercial Plant Sales Limited ghall-*cabin cruiser*. Illi dan il-kuntratt gie esebit mir-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Appell, wara li dan gie a konoxxenza tieghu, u liema kuntratt, skont ir-rikorrent kien gie issimulat. Dan fil-fatt gie kkonfermat minn Mario Muscat innifsu in subizzjoni f'kawza ohra fl-ismijiet Peter Muscat et v. Cranes and Commercial Sales Limited et fejn Muscat ikkonferma li "Jiena minghand Joseph Cassar ma rcevejtx is-somma ta' sebghin elf Lira (Lm70,000) *cash*…. Jiena ovvjament iddikjarajt li rcevejt is-somma ta' sebghin elf Lira Maltin (Lm70,000) li fir-realta qatt ma rcevejtha…" (Dok PM1). Illi li kieku r-rikorrent inghata l-opportunita` xierqa li jaghmel il-kontro-ezami ta' Mario Muscat, dan kollu kien johrog bhala parti mill-provi migbura fil-kawza deciza fis-27 ta' Jannar 2005 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri.
"Illi dan kollu incida b'mod dirett fuq il-kaz tar-rikorrent tant li l-istess l-ewwel Qorti sostniet:

""Minn dak li rrizulta <u>mill-ftit provi prodotti (enfasi mizjuda)</u>, il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur ma rnexxilhux jipprova sodisfacentement l-allegazzjonijiet tieghu. Jista' jaghti kaz li huwa [ir-rikorrent] tassew kien inkariga lil hutu sabiex isibulu proprjeta` adattata ghalih f'dawn il-gzejjer u anke li

huwa ndahal fin-negozjati sabiex tigi akkwistata din l-istess proprjeta`."

"Illi l-ewwel Qorti stess kienet xammet li xi haga ma kienitx f'postha izda ma setghetx tiddeciedi dwar dan minhabba n-nuqqas ta' provi da parti tar-rikorrent, liema provi l-istess l-ewwel Qorti ghogobha illi taghlaq minkejja l-indisposizzjoni tal-avukat tar-rikorrent, l-assenza ta' xhieda li ma kienux gew notifikati bit-tahrika appozita, u c-cahda ta' opportunita` reali li ssir il-kontro-ezami tal-konvenut Mario Muscat.

"Illi l-Qorti tal-Appell cahdet l-aggravju tar-rikorrent li l-ewwel Qorti ma taghtux opportunita` shiha biex jipprezenta l-kaz tieghu bl-ahjar mod possibli bil-konsegwenza li cahditu minn smiegh xieraq kif kellu dritt skont il-ligi, u dan peress li skont il-Qorti tal-Appell, ir-rikorrent kien inghata bosta opportunitajiet lir-rikorrent biex huwa jressaq il-provi kollha tieghu qabel is-seduta tal-5 ta' Novembru 2004. Huwa minnu li qabel il-5 ta' Novembru 2004 il-kawza diversi drabi kienet imhollija ghal-provi tar-rikorrent. Madankollu wiehed ma jistax ma japprezzax il-fatt li r-rikorrent ghamel l-ghalmu tieghu sabiex jipproduci x-xhieda kollha tieghu fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2004 kif mitlub fil-verbal tas-seduta precedenti u cioe` tal-5 ta' Ottubru 2004. Ir-rikorrent ma jistax jigi imputat bi htija minhabba l-fatt li xhud, li gie mharrek, ma giex notifikat bit-tahrika; jew li l-konvenut ghazel li jipprezenta l-affidavit tieghu dakinhar stess tas-seduta bi ksur tal-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ottubru 2004; jew li l-avukat tieghu ma kienx f'posizzjoni li jkompli b'xogholu. Illi dawn huma fatturi li m'ghandhomx jitpoggew fuq l-istess mizien ta' kemm-il seduta r-rikorrent seta kellhu qabel dik tal-5 ta' Novembru 2004 ghal-gbir tal-provi tieghu. Il-funzjoni tal-Qorti mhijiex dik li tippenalizza lil partijiet, kif kwazi insinwat il-Qorti tal-Appell meta fis-sentenza taghha qalet li r-rikorrent ma setax "jippretendi li huwa kellu dritt li dawn is-seduti ma jutilizzahomx impunement." Minghajr dubbju il-funzjoni tal-Qorti hija dik li tizgura li l-partijiet jigbru l-provi minghajr dewmien zejjed. Madankollu wiehed ma jistax jiggustifika l-ksur ta' Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem minhabba xi nuqqas ta' xi parti matul il-kors tal-

proceduri. Ghalkemm wiehed irid ihares lejn il-proceduri fit-totalita` taghhom, certi mankanzi, jew anke aspett partikolari wiehed, jistghu jkunu tant determinanti ghall-ezitu ta’ kawza fil-kaz konkret li dawk il-mankanzi flimkien jew dak in-nuqqas wiehed partikolari jkunu/jkun bizejjed biex Qorti tasal ghal konkluzjoni li ma kienx hemm “smiegh xieraq”.

“Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ttih ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa biex jitwettqu d-drittijiet fundamentali tieghu, fosthom billi tiddikjara illi s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 27 ta’ Settembru 2007, kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) datata 27 ta’ Jannar 2005 fl-ismijiet Peter Paul Muscat v. Mario Muscat pro et noe jammontaw ghal lezjoni tad-Dritt Fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq, bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u konsegwentement thassar u tirrevoka dawk is-sentenzi fl-interita` taghhom, bl-ispejjez kontra l-intimati.”

Rat ir-risposta tal-kumpanija Cranes & Commercial Sales Ltd li in forza taghha eccepiet illi:

“(i) illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda fl-interezza taghhom bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent;

“(ii) illi *in linea* preliminari, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-kompetenza kostituzzjonali taghha a tenur tal-proviso tas-subinciz (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 u tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta stante li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedju ordinarju ghad-disposizzjoni tieghu u cioe` r-rimedju kontemplat fl-Artikoli 89(2) u 94 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“(iii) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa’, inkwantu r-rikorrenti ma jistax jinqeda bi procedura kostituzzjonali sabiex b’hekk ihassar sentenza li llum ghaddiet in gudikat ghaliex giet deciza definittivament mill-Qorti tal-Appell (Citazzjoni

Numru 51/2002) biex b’hekk jinqeda bl-istess Qorti ta’ gurisdizzjoni kostituzzjonali sabiex jaghmel minnha Qorti tat-tielet grad;

“(iv) illi di fatti, inkwantu din l-Onorabbli Qorti qed tkun mistiedna mir-rikorrenti taghmel apprezzament dwar il-mertu kostituzzjonali li diga` sar mill-Qorti tal-Appell ghaliex proprju kien jifforma parti mill-aggravji dedotti quddiem il-Qorti tal-Appell, din l-Onorabbli Qorti qed tigi msejha sabiex tagixxi bhala Qorti tat-Tielet Grad;

“(v) illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet migjuba minnu fir-rikors odjern, ma jammontawx ghal ksur tad-dritt ta’ smiegh xieraq, kif sancit taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jew l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

“(vi) illi inoltre, is-socjeta` esponenti m’ghandhiex tbati spejjez ghaliex ma kienet bl-ebda mod involuta fl-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali li minnu qed ihoss ruhu aggravat ir-rikorrent;

“(vii) salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.”

Rat ir-risposta tal-kumpanija United Equipment Co (UNEC) Ltd li in forza taghha eccepiet illi:

“1) Illi fl-ewwel lok, in-nuqqas ta’ interess guridiku stante illi s-socjeta` esponenti mhijiex u qatt ma kienet il-legittima kontradittrici tar-rikorrent fil-proceduri illi pprecedew ir-rikors odjern u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-istess attur. Illi infatti, il-proceduri tas-subbasta fl-ismijiet “Cranes and Commercial Sales v. Mario Muscat pro et noe” (Subb. Nru. 16/99), liema proceduri qeghdin jigu impunjati mir-rikorrenti, ma pproducew l-ebda beneficcju ghas-socjeta` esponenti;

“2) Illi fil-mertu, il-infondatezza tat-talbiet tar-rikorrenti, liema talbiet huma fil-fehma tal-esponenti merament frivoli u vessatorji.

“Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.”

Rat ir-risposta tal-kumpanija Joseph Caruana Co. Ltd li in forza taghha eccepiet:

“Illi fl-ewwel lok u *in linea* preliminari, ir-rikorrenti huwa prekluz milli jipprocedi b’din il-kawza fil-konfront tas-socjeta` esponenti stante li huwa ghadu sal-lum ma hallasx lill-esponenti l-ispejjez gudizzjarji tal-kawza fl-ismijiet Peter Paul Muscat v. Mario Muscat et, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta’ Settembru 2007. Din hija l-istess sentenza li r-rikorrenti qieghed jintenta li jwaqqa’ bis-sahha tar-rikors *de quo*;

“Illi fit-tieni lok ir-rikorrenti huwa prekluz milli jirrikorri ghar-rimedji kostituzzjonali stabbiliti fl-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni stante li huwa kellu ghad-disposizzjoni tieghu rimedji ohrajn biex jattakka s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta’ Settembru 2007;

“Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-istess socjeta` esponenti mhix il-legittima kontradittrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-ksur li qieghed jigi allegat, sar ad istanza tal-Qrati tal-Gustizzja, u ghalhekk tali azzjoni kellha tigi diretta kontra l-Avukat Generali in rapprezentanza tal-Istat Malti, il-garanti ewlieni tal-harsien tal-libertajiet fundamentali;

“Illi dejjem ukoll minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti ma wettaq l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali fil-konfront tar-rikorrenti u konsegwentement huwa ma jista’ bl-ebda mod jigi kkundannat li jaghti xi forma ta’ rimedju lir-rikorrenti.

**- <u>Fatti saljenti tal-kaz</u>**

“Qabel mal-esponenti tghaddi biex tispjega ahjar l-eccezzjonijiet minnha sollevati, ikun ghaqli li fil-qosor hafna jigu identifikati l-punti saljenti tal-kaz. Il-kwistjoni kollha iddur madwar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta’

Gurisdizzjoni Generali fl-ismijiet **Peter Paul Muscat v. Mario Muscat et (Citazzjoni Numru 51/2002)** moghtija nhar is-27 ta' Jannar 2005 u sussegwentement konfermata mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Settembru 2007. F'din il-kawza, ir-rikorrenti kien intenta li jannulla s-subbasta numru 16/1999 ghar-raguni li skont hu l-proprjeta` mertu ta' din is-subbasta – precizament *bungalow*, minghajr numru u bla isem u l-art ta' madwarha maghrufa bhala "Tal-Gudja", sive "Tal-Kanura", fil-kuntrada ta' Ghormos fil-limiti ta' Had Dingli – ma kienitx fir-realta` proprjeta` ta' Mario Muscat izda tar-rikorrenti. Difatti Peter Paul Muscat jinsisti li din kienet giet akkwistata minn Mario Muscat fl-isem u fl-interess tar-rikorrenti bhala *prestanome* tieghu. L-ewwel Qorti, kif ukoll il-Qorti tal-Appell, cahdu t-talbiet tar-rikorrenti fuq il-bazi li ma kienx hemm indizji bizzejjed li jsostnu dak li kien qieghed jigi allegat mir-rikorrenti.

"Min-naha tieghu r-rikorrenti qieghed issa jintenta li jwaqqa' dawn id-decizjonijiet li ghaddew in gudikat billi jallega li hu sofra lezjoni fid-drittijiet fundamentali tieghu ghar-raguni li ma nghatax smiegh xieraq. B'mod partikolari r-rikorrenti jenfasizza l-fatt li tul l-ahhar seduta quddiem l-ewwel Qorti, spicca minghajr rapprezentanza legali effettiva, ma nghatax opportunita` li jtella' xhud li skont hu kien krucjali ghar-risoluzzjoni tal-kaz, u gie mcahhad mill-opportunita` li jaghmel il-kontro-ezami opportun lil Mario Muscat biex jattakka l-veracita` ta' dak li xehed dan ix-xhud bil-procedura tal-affidavit. Ir-rikorrenti jenfasizza li Mario Muscat qarraq fix-xhieda li ta quddiem l-ewwel Qorti fil-kawza citazzjoni numru 51/2002 u biex jenfasizza dan il-punt, huwa jannetti kopja tax-xhieda li ta Mario Muscat f'kawza ohra.

**- <u>In-nuqqas da parti tar-rikorrenti li jhallas l-ispejjez legali</u>**

"In linea preliminari, is-socjeta` intimata tixtieq iggib a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti l-fatt li l-ispejjez legali kollha li hija inkorriet per konsegwenza tal-azzjonijiet intentati mir-rikorrent odjern fil-konfront taghha, ghadhom sal-lum ma thallsux lilha. U dan minkejja d-decizjoni tal-

ewwel Qorti u anke dik tal-Appell fejn irritenew li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati fl-interita` taghhom mir-rikorrent odjern. Dawn l-ispejjez sa issa lahqu total ta’ €12,385.23, ammont tabilhaqq sostanzjali. L-esponenti ghalhekk temmen li, irrispettivament min-natura sensittiva ta’ kawza kostituzzjonali, din il-Qorti m’ghandhiex tordna l-prosegwiment ta’ din il-kawza qabel mar-rikorrent odjern ihallas lill-esponenti l-ammonti ta’ spejjez legali dovuti lilha a tenur tas-sentenzi ikkwotati li ghaddew in gudikat. Altrimenti, il-Qorti tkun qed tirriskja li tissanzjona l-abbuz tas-sistema gudizzjarja, (li jidher li qieghed isir b’mod pjanifikat mir-rikorrenti). Peter Paul Muscat qieghed ikompli jintenta li jressaq kawza wara kawza u mbaghad jonqos li jhallas l-ispejjez legali li hu jkun ta lok ghalihom, b’detriment dejjem ghall-persuni jew socjetajiet li kontra taghhom huwa jkun istitwixxa l-kawza. Dan biex ma jinghadx ukoll li s-socjeta` esponenti spiccat involuta f’dawn il-kawzi kollha ghas-semplici fatt li hija kienet kreditrici ta’ Mario Muscat, Peter Muscat u Muscat Marine Limited u otteniet favur taghha rikonoxximent gudizzjarju tal-kreditu taghha.

**- <u>L-inapplikabilita` tar-rimedju Kostituzzjonali stante li r-rikorrenti kellu rimedji ohrajn ghad-disposizzjoni tieghu</u>**

“Il-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni Maltija jiddikjara b’mod mill-iktar car li: *“Izda l-Qorti tista’, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont dan is-subartikolu f’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi ligi ohra.”* Minn ezami tar-rikors kostituzzjonali, ir-rikorrenti qieghed b’mod indirett u fin jattakka x-xhieda moghtija minn Mario Muscat fil-kawza citazzjoni numru 51/2002 peress li skont hu din ix-xhieda hija inveritiera. L-istess Peter Paul Muscat jinsisti li n-nuqqas ta’ korrettezza ta’ dak li xehed Mario Muscat fil-kawza 51/2002 hareg fid-deher f’xhieda ohra li huwa ta f’kawza ohra li tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) citazzjoni numru 43/2005 fl-ismijiet **Peter Muscat v. Cranes and Commercial Sales Limited et**. Fil-fatt

ghalkemm l-enfasi qeghdha fuq l-allegat fatt li ma kienx hemm smiegh xieraq, is-sekwenza ta' hsieb addottata mir-rikorrenti tipponta lejn il-fatt li x-xhieda li ta Mario Muscat fil-kawza 51/2002 kienet xhieda qarrieqa u li s-sentenza kemm tal-ewwel Qorti kif ukoll dik tal-Qorti tal-Appell kienet imsejsa fuq din ix-xhieda qarrieqa li nghatat. Tant hu hekk li r-rikorrenti hass li kellu jesebixxi kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija minn Mario Muscat fil-kawza numru 43/2005, liema traskrizzjoni hija markata bhala Dokument PM1, u jiddentifika l-partijiet mix-xhieda li skont hu huma konfliggenti. Bl-akbar rispett pero`, dan xejn ma jista' jitqies li huwa ezercizzju li jidhol fil-parametri ta' kawza kostituzzjonali; anzi hija iktar argumentazzjoni li hija konformi ma' kawza ta' ritrattazzjoni. Difatti l-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti l-opportunita` lill-parti leza li titlob ir-ritrattazzjoni tal-kaz meta "is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bil-hsara tal-ohra."[9]

"Jigi enfasizzat li meta tkun tezisti l-possibilta` ta' ritrattazzjoni m'huwiex permessibbli ghall-persuna li tesigi rimedju kostituzzjonali. Dan kollu johrog jekk wiehed jargumenta *a contrario sensu* ta' dak li rriteniet il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **L. Cuschieri v. Onor. Prim Ministru,** deciza fis-6 ta' April 1995 mill-Qorti Kostituzzjonali. F'din is-sentenza, il-Qorti kienet ghamlitha cara li l-uniku haga li tista' timmilita kontra l-applikazzjoni ta' dan il-principju huwa jekk ikunu jezistu dubbji serji jekk tkunx tista' ssir il-kawza ta' ritrattazzjoni:
""Ma jidhirx li r-rikorrent f'sitwazzjoni simili seta' jirrikorri ghar-rimedju ta' ritrattazzjoni u li ma kienx tant car illi wiehed seta' jakkampa d-dritt ghal dan ir-rimedju f'kaz ta' zball jew irregolarita` ta' din ix-xorta taht is-subinciz (L) jew xi subinciz iehor tal-istess artikolu. Kunsidrat li r-rimedju ta' ritrattazzjoni hu wiehed straordinarju u ta' strettissima interpretazzjoni, din il-Qorti ma jidhrilhiex li f'dan l-istat ta' incertezza ghandha tiddeklina milli tezercita l-poteri kostituzzjonali taghha biex tassigura smiegh xieraq lir-rikorrent *una volta* mhux tant car jekk ir-rikorrent ezawriex jew le r-rimedji l-ohra miftuha ghalih taht il-ligi ordinarja."

[9] Artikolu 811(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qrati taghna ghamluha cara kemm-il darba li rikors kostituzzjonali ma jistax jitqies li huwa appell jew inkella ritrattazzjoni mid-decizjonijiet tal-qrati ordinarji[10] u l-Qorti Kostituzzjonali mhix Qorti tat-Tielet Istanza.[11] L-ghan ahhari ta' kawza kostituzzjonali, b'mod partikolari fejn jidhol sindikar tal-process gudizzjarju, huwa limitat biss ghall-ezami tal-*fairness* tal-proceduri, u l-Qorti f'din il-kawza m'ghandhiex il-kompetenza li tara jekk giex kommess zball ta' ligi jew ta' fatt fid-decizjonijiet promulgati minn qrati ohra[12]. Minn qari tar-rikors promotur johrog bic-car li dak li r-rikorrenti ma rnexxilux jottjeni fl-Ewwel Istanza u fit-Tieni Istanza, issa qieghed jipprova jottjenieh tramite r-rimedju kostituzzjonali.

**- <u>Is-socjeta` esponenti mhix il-legittima kontradittrici u lanqas ma tista' titqies li hija responsabbli ghal xi ksur fil-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti</u>**

"L-azzjoni ghal dikjarazzjoni ta' ksur tal-libertajiet fundamentali hija azzjoni pubblika u bhala tali ghandha tkun diretta kontra l-Gvern. Fil-kawza **Dr. Harry Vassallo noe v. Kummissarju Principali Ewlieni et**, deciza fil-21 ta' Marzu 2003 mill-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), il-Qorti kienet irrimarkat li: *"in principju u bhala regola generali, allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali ghandhom ikunu diretti lejn il-Gvern u mhux lejn xi persuna, fizika jew morali, li mhix parti mill-organu Governattiv".* Din id-dikjarazzjoni kienet rifless ta' dikjarazzjonijiet ohra maghmula precedentement mill-qrati taghna. F'**Joseph Mary Vella v. Kummissarju tal-Pulizija** deciza fis-6 ta' Awwissu 2001, il-Qorti spjegat li:

""L-appellant Kummissarju tal-Pulizija donnu qieghed jinsa illi l-azzjonijiet ghar-rigress tal-vjolazzjonijiet tal-jeddijiet fundamentali huma qabel xejn azzjonijiet ta' natura pubblika mressqa mill-individwu kontra l-istat. Kien

[10] Ara f'dan is-sens **Khallouf Fatha v. Kummissarju tal-Pulizija**, deciza fit-28 ta' Dicembru 2001, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali)

[11] **Joseph Vella v. Avukat Generali**, deciza fl-14 ta' Dicembru 2001, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali)

[12] **Domenico Savio Spiteri v. Avukat Generali**, deciza fit-2 ta' Ottubru 2001, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali)

ghalhekk li l-Istat li f'azzjonijiet ta' din ix-xorta kellu jassumi qabel xejn ir-responsabbilta` ghall-allegati vjolazzjonijiet tal-jeddijiet u libertajiet protetti fil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u elenkati fl-Att XIV tal-1987. Kien hemm ghal hafna zmien kontestazzjoni dwar min kellu jkollu rapprezentanza guridika ghall-istat f'kazijiet ta' din ix-xorta – problematika llum fil-parti kbira felicement sorvolata – pero` qatt ma kien hemm l-icken dubbju illi kien l-istat li kellu qabel xejn u fuq kollox jirrispondi u jaghmel tajjeb ghall-allegati vjolazzjonijiet tal-jeddijiet fundamentali lil hinn u qabel kull responsabbilta` ta' xi impjegat tieghu."

"Ta' min jinnota li fil-kaz in dizamina l-allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali, precizament li r-rikorrent ma nghatax smiegh xieraq, qieghed jigi addebitat lill-organi gudizzjarji tal-Istat. F'dan il-kaz ghalhekk l-intimat per eccellenza kellu jkun l-Avukat Generali u n-nuqqas tieghu f'dawn il-proceduri jaghmel dawn il-proceduri mhux integri. Azzjoni ta' dan it-tip ma tista' qatt tigi indirizzata lill-kontro-parti, kif ghamel ir-rikorrenti f'dan il-kaz. Dan il-principju jinsab assodat fil-gurisprudenza taghna. Fis-sentenza **Perit Duminku Mintoff v. Dr. Joe Brincat**[13], il-Qorti Kostituzzjonali kkumentat li:

""Mill-banda l-ohra, il-procedura maghzula mill-appellant biex jappella minn dan id-digriet, anke jekk prima facie tidher originali u ingenjuza, hi zgur taht diversi aspetti rritwali. Bizzejjed jinghad illi l-ilment kostituzzjonali sollevat mill-konvenut, Dr. Brincat, hu espressament dirett kontra "l-operat tal-organi gudizzjarji tal-istat Malti". In sintesi hu jilmenta illi kien l-agir tal-ewwel Qorti fil-kondotta tal-kawza li kien qed jilledilu l-jedd fundamentali tieghu ghal-liberta` tal-espressjoni protett bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ilment li bl-ebda mod ma kien allura dirett lejn il-persuna tal-attur appellat li *qua* cittadin privat kien qieghed biss jirrivendika jeddijiet minnu pretizi skont il-ligi bl-ebda mod impunjata f'din l-azzjoni quddiem Qorti kompetenti. Indubbjament allura ma setax jinghad li l-attur kien il-legittimu kontradittur tal-appellant fil-mertu minnu propost f'dan l-appell. Hu zgur ma setax jirrispondi

[13] Deciza fit-8 ta' Jannar 2001

ghall-komportament tal-Qorti li lejha hu kien irrekorra korrettement u lanqas seta' jigi b'xi mod ritenut responsabbli allura ghall-allegata vjolazzjoni billi dik il-Qorti kienet qed tirrifjuta li tezamina malajr u b'mod effettiv l-ilment kostituzzjonali tieghu."

"L-istess punt huwa enfasizzat b'iktar qawwa fis-sentenza **Anthony Pace v. Avukat Generali et**, deciza fit-2 ta' Novembru 2001 ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali:

""Din il-Qorti allura tirritjeni illi hija korretta l-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti illi *una volta* tribunal amministrattiv, imwaqqaf b'ligi, ma jistax jigi mharrek sabiex iwiegeb ghall-ghemil gudizzjarju tieghu allura jkun mehtieg illi xi hadd jirrispondi ghalih fejn dan l-ghemil tkun qieghed jigi attakkat gudizzjarjament. L-ewwel Qorti rriteniet illi *una volta* kien id-dmir tal-Istat li johloq l-istrutturi gudizzjarji bhalma huma Qrati u t-Tribunali, kien l-Istat li kellu jwiegeb ghan-nuqqasijiet fl-ghemil gudizzjarju ta' dawn l-istrutturi u dan finalment sabiex tibqa' dejjem tigi mharsa l-indipendenza taghhom essenzjali ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja."

"L-istess linja ta' hsieb giet addottata fis-sentenza **Edmond Mugliette v. Registratur tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili**, deciza fit-12 ta' Gunju 2002. Il-Qorti, filwaqt li ghamlet riferenza ghall-sentenzi precedenti u anke ghal dak stabbilit fil-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, b'mod partikolari l-emendi tal-1995, sostniet li r-Registratur tal-Qorti ma jistax jitqies responsabbli ghal allegata vjolazzjoni perpetrata minn membru tal-gudikatura. **<u>Ghal vjolazzjoni ta' din in-natura ghandu jirrispondi l-Istat</u>** (Enfasi tal-esponenti). Huwa ben saput li fid-dritt Kostituzzjonali u Konvenzjonali, il-Gudikatura hija indipendenti mill-Ezekuttiv u certament ma tistax titqies bhala Dipartiment tal-Gvern. Ghalhekk kawza Kostituzzjonali bbazata fuq allegata vjolazzjoni kommessa minn membru tal-gudikatura ghandha tigi istitwita kontra l-Avukat Generali in rapprezentanza tal-Istat Malti. Iktar u iktar ghalhekk is-socjeta` intimata ma tistax titqies li hija l-legittima kontradittrici f'dan il-kaz!

“Huwa minnu li qrati taghna identifikaw tliet kategoriji ta’ legittimi kontraditturi f’kawzi ta’ natura kostituzzjonali. Din il-klassifikazzjoni harget mis-sentenza **Joseph Abela v. L-Onor. Prim Ministru**, deciza fis-7 ta’ Dicembru 1990 mill-Qorti Kostituzzjonali:

““F’kawzi ta’ natura kostituzzjonali bbazati fuq id-drittijiet fundamentali, il-legittimi kontradittruri ta’ dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament, responsabbli, ghall-kummissjoni jew ommissjoni, ta’ xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-ligi. Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-ommissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistghu jkunu responsabbli biex jaghtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza li takkolji l-lament tal-ksur ta’ dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbaghad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawza, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala’ fuq jew waqt xi procedura gudizzjarja.”

“Jista’ jigi argumentat li s-socjeta` esponenti taqa’ taht it-tielet kategorija ghar-raguni li hija kienet wahda mill-partijiet li kontra taghha saret il-kawza citazzjoni numru 51/2002. Pero`, bhala stat ta’ fatt jibqa’ li s-socjeta` esponenti m’ghandhiex u qatt ma vvantat drittijiet reali fuq il-proprjeta` inkwistjoni. Hija kienet biss kreditrici ta’ Mario Muscat, Peter Paul Muscat u ta’ Muscat Marine Limited u otteniet sentenza favur taghha li tirrikonoxxi l-kreditu dovut. Eventwalment is-socjeta` esponenti inghaqdet flimkien ma’ diversi krudituri fil-proceduri tas-subbasta, izda finalment l-art inkwistjoni ma gietx liberata favur taghha u lanqas ma rnexxilha tottjeni xi hlas, anke parzjali, mill-ammont dovut lilha. Il-presenza tas-socjeta` esponenti kemm fil-proceduri li kellhom l-iskop taghhom li jattakkaw is-subbasta kif ukoll iktar u iktar dawk odjerni hija ghalhekk kompletament inutili. Fl-ebda hin hija ma fixklet jew ghamlet xi ostakoli ghal dak lamentat mir-rikorrent fir-rikors kostituzzjonali tieghu. Dan jista’ jigi verifikat mill-verbali tal-kawza. Konsegwentement zgur li hija bl-ebda mod ma tista’ tkun tenuta responsabbli ghal dak allegat mir-rikorrenti, anke jekk jigi stabbilit b’certezza

li verament kien hemm xi nuqqas ta' smiegh xieraq. Isegwi ghalhekk li l-ebda parti mill-ispejjez ta' din il-kawza m'ghandhom jigu allokati lilha.

"Fid-dawl tas-suespost ghalhekk huwa car li l-azzjoni proposta mir-rikorrent hija infondata kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt u konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."

Rat ir-risposta tal-intimati Mario Muscat u Muscat Marine Ltd li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi in linea preliminari, l-azzjoni odjerna hija nulla u rritwali stante li ma giex konvenut l-Avukat Generali *ai termini* tal-Artikolu 181B(2) tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta;

"2. Illi wkoll in linea preliminari u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-Avukat Generali ma giex notifikat bl-att promotur kif jiddisponi l-Artikolu 181B(3) tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta;

"3. Illi wkoll in linea preliminari, id-dokument anness ma' l-att promotur u mmarkat **DOK PM1** ghandhu jigi rigettat, inkwantu dan ma jikkostitwixxix l-ahjar prova skont il-ligi, u dan *ai termini* tal-Artikolu 560 *et sequitur* tal-Kapitolu XII tal-Ligijiet ta' Malta;

"4. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, din l-azzjoni ghandha tigi dikjarata frivola u vessatorja, inkwantu tikkostitwixxi biss tentattiv ghal *terzo esame* fil-mertu ta' kawza li ghaddiet in gudikat, u ma tinkwadra l-ebda lezjoni ta' drittijiet fundamentali;

"5. Illi dejjem bla pregudizzju ghas-suespost, il-proceduri gudizzjarji li dwarhom qed jilmenta r-rikorrent kienu gusti u in ottemporanza mal-jeddijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tieghu, u ghalhekk din il-kawza ghandha tigi respinta bhala frivola u vessatorja;

"6. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent inghata kull opportunita` biex jipprezenta l-kaz

tieghu quddiem il-Qrati taghna, u fuqu ma giet imposta l-ebda kundizzjoni li setghet holqitlu zvantagg fil-konfront tal-kontro-parti tieghu;

“7. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, jekk ir-rikorrent ma lahaqx ipproduca jew altrimenti pprezenta l-provi kollha tieghu fil-mori tal-kawzi mertu ta’ din l-azzjoni, dan huwa unikament attribwibbli ghal traskuragni u negligenza min-naha tieghu, kif tajjeb irrilevat precedentement l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza li qeghdha tigi permezz tal-prezenti impunjata mir-rikorrent.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.

“Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.”

Rat ir-risposta tal-kumpanija John Portelli Enterprises Ltd li in forza taghha eccepiet illi:
“1. Illi hija ma tarax li bil-mod li bih agixxiet il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fl-atti tal-kawza bin-numru 51/2002 fl-ismijiet “Peter Paul Muscat et v. Cranes and Commercial Sales Limited” kien b’xi mod skorrett.

“2. Illi fi kwalunkwe l-esponenti tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti.”

Rat ir-risposta tal-Bank of Valletta plc li in forza taghha eccepiet illi:

“Illi t-talba tar-rikorrent Peter Paul Muscat ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

“Illi fl-ewwel lok ir-rikors kostiuzzjonali huwa formalment monk ghaliex ma jinkludix id-dettalji kollha rikjesti mill-Artikolu 174 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi di piu fil-formularju tat-talba tieghu, ir-rikorrent ma jaghtix id-dettalji tas-sentenzi illi minnu qed jabbaza dan ir-rikors izda jindika sempliciment data u l-Qorti u ma jincitax l-okkju jew inkella n-numru tac-citazzjoni.

"Illi fit-tieni lok il-Bank of Valletta plc ma hux il-legittimu kontriduttur f'dan il-kaz u dan stante illi kwalunkwe drittijiet jew obbligi li seta' kellu l-bank fir-rigward ta' dawn il-kawzi inizjati mill-konjugi Muscat, gew trasferiti permezz ta' kuntratt lil konjugi Grech li akkwistaw id-dar ossia bungalow minghajr numru u bla isem u l-art ta' madwarha maghrufa bhala 'Tal-Gudja' sive tal-Kanura, liema dokument huwa hawn anness u mmarkat dok A.

"Illi dan il-kuntratt huwa a sapenza tal-konjugi Muscat peress illi dan id-dokument gie notifikat lilhom ukoll fuq ordni tal-Qorti ppreseduta mill-Magistrat Ellul fl-atti ta' mandat ta' zgumbrament ezekuttiv fl-ismijiet Grech et. v. Muscat et fit-tlettax (13) ta' Gunju 2008, u ghalhekk il-bank intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

"Illi fir-rigward il-mertu ta' dan ir-rikors, ir-rikorrent Muscat intavola ir-rikors odjern a bazi tal-pretensjoni tieghu illi d-drittijiet fondamentali tieghu gew vjolati meta ma nghatax l-opportunita` shiha, jghid hu, biex jipprezenta l-kaz tieghu bl-ahjar mod possibbli bil-konsegwenza li gie mcahhad minn smigh xieraq kif kellu d-dritt skont il-ligi. Illi dan l-aggravju tar-rikorrent Muscat huwa infondat fil-fatt u fid-dritt stante illi ma hux minnu illi ma kienx inghata z-zmien sabiex jipproduci l-provi tieghu.

"Illi l-kawza citata mir-rikorrenti giet intavolata fl-2002 u s-seduta li fiha suppost kellhom jaghlqu l-provi taghhom attrici, grat 'l fuq minn sentejn wara illi giet intavolata l-kawza u ghalhekk altru milli kellhom kull opportunita` illi jressqu l-provi taghhom. Senjatament hemm il-punt krucjali wkoll illi s-seduta quddiem il-Magistrat sedenti dak iz-zmien saret wara li kienu saru hafna seduti quddiem l-assistent gudizzjarju, ghalxejn. Tinhass ukoll ir-rabja, bhal min ikun ilu jissaporti l-ghemil abbuziv jew traskurat ta' haddiehor, fi kliem tal-Magistrat sedenti u warajh l-Imhallfin tal-Qorti tal-Appell.

"Illi kien b'dan l-animu li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti gia` gew indirizzati f'diversi sentenzi, u partikolarment mis-

sentenza tal-Qorti tal-Appell datata is-27 ta’ Settembru 2007, proprju fuq dan il-punt mertu ta’ dan ir-rikors:

““Fis-seduti li saru quddiem l-Assistent Gudizzjarju fl-14 ta’ Novembru 2003, fit-8 ta’ Jannar 2004, fis-27 ta’ Frar 2004, fit-12 ta’ Marzu 2004, l-attur (Muscat) qatt ma kien prezenti. In-nuqqas kontinwu tal-attendenza da parti tal-attur u tal-legali tieghu kienet tant notevoli u konsistenti li permezz ta’ verbal maghmul fis-seduta tat-12 ta’ Marzu 2004, l-Asst. Gudizzjarju kien talab provvediment minghand il-Qorti. Imbaghad il-Qorti tat ordni sabiex fis-seduta sussegwenti jingabru l-provi tal-attur u fin-nuqqas, l-Asst. Gudizzjarju gie moghti l-fakulta` li jipprocedi bil-gbir tal-provi tal-konvenuti. Ezattament fis-seduta li saret immedjatament wara l-ghoti ta’ dan id-digriet, l-attur u l-legali tieghu regghu naqsu li jattendu u ghalhekk il-kawza giet differita ghall-provi tal-konvenuti. …. Huwa evidenti ghalhekk, li l-ewwel Qorti tat bosta opportunitajiet lill-attur biex huwa jkun jista’ jressaq il-provi kollha tieghu. L-appellant kellu ghad-dispozizzjoni tieghu xejn anqas minn hames seduti (bejn l-14 ta’ Novembru 2003 u s-16 ta’ April 2004 u qieghed jippretendi li huwa kellu dritt li dawn is-seduti ‘ma jutilizzahomx’ impunement. Din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti kellha ragun ma tilqax it-talbiet tal-attur, fid-dawl tal-operat passat tieghu, biex tevita li l-kawza tkompli titwal.”

“Ghalhekk id-dritt ghal smiegh xieraq huwa imwiezen mill-fatt illi l-kawza trid tinstema’ fi zmien ragonevoli, li huwa dritt fundamentali iehor tal-istess importanza u ma tistax titwal perpetwalment ghall-kumdita` tal-attur.

“Il-Principju *audi alteram partem* huwa principju fundamentali li ghandu japplika kull gudikant. L-awtur S.A. Smith fil-ktieb Constitutional and Administrative Law (Penguin Books, 3rd ed) jesponi s-segwenti dwar dan il-principju:

*““…[this] is the more interesting and important rule of natural justice. In its crudest form, it means that nobody shall be penalized by a decision of a court or tribunal unless he has been given (a) prior notice of the charge or*

*case he has to meet, and (b) a fair opportunity to answer the case against him and to put his own case.”*

“Fid-decizjoni famuza Ingliza moghtija mill-House of Lords fl-ismijiet Ridge vs. Baldwin fl-1964, intqal li d-dritt ghal smiegh xieraq *“is a rule of universal application”* filwaqt li Lord Loreburn, fil-kawza Board of Education vs. Rice, deciza wkoll mill-House of Lords fl-1911, sostna li d-dover li jaghti smiegh xieraq hu impost *“upon every one who decides anything”.*

“Kawza ohra importanti moghtija f’dan is-sens hija dik fl-ismijiet Sammut vs. Bell Mc Cance deciza fid-29 ta’ Mejju 1946 (Kollez. Vol. XXXII.II.350) fejn gie osservat illi:

““Ir-regola *audi alteram partem* ghandha tigi skrupolozament osservata u l-partijiet ghandhom id-dritt li jkunu prezenti fl-investigazzonijiet li jaghmel id-delegat tal-Bord, biex ikunu jistghu jikkontrollaw l-informazzjoni li jigu moghtija lil dak id-delegat ghall-finijiet ta’ dik l-investigazzjoni. Il-vjolazzjoni tar-regola *audi alteram partem* taghti lok ghas-sindikat tal-Qrati ordinarja, li jistghu, anzi ghandhom jirritjenu null dak li jkun sar in konsegwenza tal-vjolazzjoni. Din ir-regola *audi alteram partem* hija regola ta’ gustizzja naturali u bhala tali hija ta’ interess pubbliku ma hix rinunzjabbli *per impliciter* billi jinghad illi kien hemm akkwijixxenza mill-parti li giet pregudikata bil-vjolazzjoni ta’ din ir-regola.”

“Madanakollu, f’Farrugia vs. Wismayer deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-25 ta’ Gunju 1997, intqal li dan id-dritt tas-smiegh moghti liz-zewg partijiet f’kawza ghandu jinghata fit-termini tar-regoli u tal-ligijiet procedurali applikabbli. Il-Qorti sostniet li l-principju ta’ *equality of arms* ma jfissirx li l-parti tista’, l-ewwel tinjora r-regoli tal-procedura u mbaghad tistieden lill-Qorti li *cio nonostante* tithalla tressaq provi ghax hekk ikun *fair*. Dan il-principju jfisser li kull parti ghandha tinghata opportunita` ndaqs li tressaq il-kawza taghha, izda ma jfissirx li parti tista’ tagixxi in oltragg ghar-regola ta’ procedura u xorta tippretendi l-indulgenza tal-Qorti biex tressaq il-provi taghha kumdita` taghha:

““Il-Qorti ma tonqosx li thares id-dritt ghal smiegh xieraq u taghtih sostanza fil-prattika billi tassigura illi l-kawzi jsiru kif dan id-dritt fondamentali jesigi. Li jfisser li din il-Qorti ghandha d-dover tassigura li l-ligijiet tal-procedura jservu biex jaghtu u jassiguraw l-opportunita` shiha lil persuna citata biex tiddefendi ruhha u mhux iservu ghala skuzanti biex il-process ma jsirx jew isir sommarjament billi tinstema’ l-parti wahda u mhux l-ohra. Mill-banda l-ohra pero` ghandu jkun car ghal kulhadd li l-osservanza tar-regoli tal-procedura hi mehtiega biex jigi assigurat mhux biss l-ordni fil-kondotta tal-kawza imma wkoll ir-regolarita` tal-proceduri b’mod li jigi evitat li ssir ingustizzja mal-kontro parti kif ukoll ma’ haddiehor li jigi pregudikat b’konsegwenza tal-mod ingustifikat kif ikun qed jigi intralcjat ix-xoghol tal-Qrati. Ingustizzja li tista’ ssir ukoll bin-nuqqas ta’ nteress manifest ta’ xi parti fil-kawza jew bir-rifjut taghha li tosserva d-digriet tal-Qorti.”

“Fil-kaz Pantelleresco vs Starbrite Cleaners deciza fit-12 ta’ Mejju 2003, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghamlet taghha l-insenjament moghti fis-sentenza fl-ismijiet Joseph Falzon vs Anthony Debono noe (deciza mill-Qorti tal-Appelli Kummercjali fit-13 ta’ Jannar 1975) fejn gie rimarkat li:

““ghall-finijiet procedurali hemm diversita` kbira bejn il-kaz fejn ma jinstemghux il-provi tal-konvenut minhabba cahda tad-debita opportunita` bhal meta jigi ingustament rifjutat is-smiegh tal-provi legittimi offerti minnu, jew meta l-proceduri inizjati kontra tieghu jigu prosegwiti minghajr ma jkun notifikat bihom, u ad insaputa tieghu stess, jibqa’ ma jgibx ’il quddiem il-provi tieghu meta tkun giet moghtija lilu kull opportunita` li jgibhom. F’dan l-ahhar, kaz *imputet sibi.* (enfazi mizjud)”

“Ghalhekk, il-principju ta’ *audi alteram partem* m’ghandux jigi nterpretat fis-sens li kull parti trid bilfors tipprezenta l-provi taghha izda kull parti ghandha tinghata l-opportunita` li tressaq il-provi taghha. Dan gie enuncjat fil-kawza fl-ismijiet Camilleri noe vs Players’ Coaches Complaints Board tal-Malta Football Association deciza mill-Prim’

Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-23 ta’ Novembru 2001 u kkonfermata mill-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet Anthony Mintoff vs. Avukat Generali et deciza fis-7 ta’ Lulju 2004. Anke fil-kawza Power Projects Ltd vs Agius deciza mill-Prim’ Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-16 ta’ Gunju 2003 intqal li:

““Ikun hemm ksur tal-principju ta’ *audi alteram partem* jekk jew il-parti ma tkunx inghatat l-opportunita` tressaq il-provi taghha, jew fejn ix-xhieda moghtija minn parti wahda ma tkunx setghet tigi kkontrollata mill-parti l-ohra minhabba nuqqas ta’ opportunita`.”

“F’decizjoni ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-5 ta’ Ottubru 2001 fl-ismijiet Vella A&CE Guido J. vs Cefai Dr. Emmanuel gie ghal darb’ ohra ritenut li:

““Parti f’kawza li tonqos milli tressaq provi f’kawza minkejja li tkun inghatat diversi opportunitajiet sabiex taghmel hekk ma tistax tilmenta ruhha dwar xi ksur tal-principju ta’ *audi alteram partem*.”

“Finalment, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-20 ta’ Ottubru 2003 fl-ismijiet Aquilina Martin vs Friggieri Christopher, il-konvenut kien ilmenta illi t-Tribunal ma tah l-ebda opportunita` biex iressaq il-provi tieghu. Il-Qorti ezaminat dan l-aggravju u kkonkludiet is-segwenti:

““Hekk ukoll qed jigi michud it-tielet u l-ahhar agravju. Dan ghas-semplici raguni illi jekk l-appellant ma gharafx isegwi sew l-andament tal-kawza hu l-kaz ta’ *imputet sibi* u ma jistax allura jlum lit-Tribunal izda lilu nnifsu… Naturalment iridu jitharsu l-principji tal-gustizzja naturali u fondamentali tas-smiegh xieraq kif sanciti fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja… Dan ma jfissirx pero` illi ghandha ghal din ir-raguni tigi mharsa u premajata n-non kuranza tal-parti. ‘Il-principju tal-audi alteram partem ma jimpurtax illi f’gudizzju huwa mprexxindibbilment neccessarju u assolutament essenzjali illi l-provi tal-konvenut effettivament jinstemghu imma biss illi tinghata lilu d-debita opportunita` li huwa jipproducihom. Kieku

kien diversament u cioe` kieku ma setghetx taht l-ebda cirkostanzi tinghata sentenza hlief wara s-smiegh tal-provi tal-konvenut, dan kien ikun jista' jostakola u jimpedixxi d-definizzjoni tal-kawza billi jibqa' passiv jew jipprokrastina indefinittivament'. (Joseph Falzon vs Anthony Debono nomine, Appell Kummercjali, 13 ta' Jannar 1975). Tali opportunita` giet akkordatat tal-konvenut f'dan il-kaz cio nonostante huwa baqa' ma ottemperax ruhu maghha. Dan stabbiliet din il-Qorti ma tirravizax fil-mod kif gew kondotti l-proceduri quddiem it-Tribunal xi irritwalita` jew ksur tal-principju *audi alteram partem*. Tal-istess fehma kienet id-decizjoni ta' din il-Qorti minn sentenza tat-Tribunal fil-kawza fl-ismijiet 'Joseph Galea vs Sandra Vassallo'. 26 ta' Jannar 2001."

"Illi interessanti illi l-intavolar ta' dan ir-rikors kostituzzjonali gie intavolat fl-14 ta' Lulju, **l-ghada** illi gie intavolat mandat ta' zgumbrament ezekuttiv da parti tal-konjugi Grech fil-konfront tal-konjugi Muscat li minkejja illi ma ghandhom l-ebda dritt, ghadhom jokkupaw illegalment il-fond mertu tal-kawza li minnu l-konjugi Muscat qed jinterponu t-talba ta' dan ir-rikors Kostituzzjonali. Illi fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-konjugi Grech ma jistghux ma jistaqsux allura x'inhuwa l-veru motiv tal-konjugi Muscat f'dan ir-rikors. Illi tajjeb din l-Onorabbli Qorti tkun taf ukoll illi dan ir-rikors gie uzat mir-rikorrenti bhala ghodda biex jitolbu lill-Magistrat Paul Coppini sabiex jirrikuza ruhu mill-atti tal-mandat ta' zgumbrament ezekuttiv a bazi tar-rikors odjern.

"Ghalhekk, fic-cirkostanzi tal-kaz, kemm prezenzjalment kif ukoll ta' dak kollu li gara sallum u kif fil-fatt jidher car, u ikkonfermat ukoll mill-Qorti tal-Appell, il-Qorti tal-Magistrati, tat opportunitajiet ampji u ripetuti lir-rikorrenti li jezawrixxi l-provi tieghu, iressaq is-sottomissjonijiet tieghu u b'mod generali jressaq il-kaz tieghu u jiddifendih b'kull mezz legalment moghti lilu mil-ligi. Madanakollu, kien l-istess rikorrent u l-legali tieghu li kontinwament u konstantament irrifjutaw li jaghmlu dan. Ghalhekk, f'dan l-istadju, ma jistghux jitfghu l-htija fuq hadd hlief fuqhom infushom talli naqsu milli jaghmlu dak li kellhom jaghmlu.

“Illi di piu` x-xhieda tax-xhud imsemmi ma kienet sa taghmel l-ebda differenza ghall-ezitu tal-kawza biex tigi ppruvata t-tezi tar-rikorrent li huh kien qed jagixxi bhala presta nome. Konvint minn dan il-fatt huwa r-rikorrent stess illi llum biddel fehmtu u intavola kawza ohra fuq l-istess mertu pero` a bazi tal-fatt illi huwa kien imdahhal f’dan in-negozju mod iehor. Illi llum is-sentenza mertu ta’ dan ir-rikors hija in gudikat u hija wahda gusta u legali u fir-rigward tax-xhud, Victor Cauchi, il-Qorti tal-Appell kellha wkoll l-opportunita` li tinnota li:

““… kienu saru diversi seduti quddiem l-assistent gudizzjarju fejn l-attur kellu kull opportunita` li jressaq il-provi tieghu pero` dan ma ghamlux. Barra minn hekk dan Victor Cauchi ma setax jigi prodott biex jixhed peress li ma kienx indikat fil-lista tax-xhieda tal-atturi. Il-Qorti qablet mal-argumenti tal-avukat tal-BOV u dehrilha li ma kellhiex ghaliex taghti differimenti ohra. Kien f’dan l-istadju meta ma rnexxietx it-talba ghal differiment li l-legali tal-attur iddikjara li ma kienx fi stat mentali u fiziku li jkompli jaghmel ix-xoghol tieghu minhabba illi kienu saru s-siegha ta’ wara nofsinhar u minhabba ezawriment mentali. Il-Qorti dehrilha li l-kaz kien lahaq gie trattat ampjament u ghalhekk ma kien hemm xejn li jzomm il-kawza milli tmur ghas-sentenza. .. fi kwalunkwe kaz l-attur dakinhar ma kellux provi ohra x’jipproduci u ghalhekk ordnat il-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza.”

“Illi ghalhekk, anke fil-mertu, jidher car li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fondamentali.

“Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent Peter Paul Muscat.”

Rat ir-risposta tal-kumpaniji International Timber Products Ltd u F.X Borg Furniture Ltd li in forza taghha eccepew illi:

“1. Illi huma ma jarawx li bil-mod li bih agixxiet il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fl-atti tal-kawza bin-numru 51/2002 fl-ismijiet “Peter Paul Muscat et v. Cranes and Commercial Sales Limited” kien b’xi mod skorrett.

“2. Illi fi kwalunkwe l-esponenti jirrimettu ruhhom ghad-decizjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti.”

Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Qorti Civili u Tribunal li in forza taghha eccepixxa illi:

“Illi, l-ewwel u qabel kollox, l-esponent irid jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante n-nuqqas ta’ interess guridiku, kemm in vista tal-fatt illi r-Registratur tal-Qorti, kif imharrek, m’ghadux jezisti u, aktar u aktar, in vista tal-fatt illi, certament ir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali ta’ Malta m’huwiex il-legittimu kontradditur stante illi l-kawza ilmentata nstemghet quddiem il-Qorti ta’ Ghawdex;

“Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jidher illi l-mertu ta’ indole kostituzzjonali gia` gie kkunsidrat mill-Qorti tal-Appell u, ghalhekk, il-proceduri odjerni ma huma xejn ghajt tentattiv sabiex tali kwistjoni titqajjem ghat-tielet darba;

“Illi, dwar l-aggravji kif maghmulha, jinghad is-segwenti:

“<u>L-ewwel Aggravju</u>

“Illi jekk Victor Cauchi kien xhud importantissimu, huwa kien messu gie ndikat b’mod specifiku fil-lista tax-xhieda. Huwa rikonoxxut, mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, li kull Qorti ghandha certu margini ta’ flessibilta` sabiex tiggestixxi l-procedura tal-kawzi quddiemha, u huwa mholli f'idejn il-gudikant li jkun sabiex jiddeciedi liema xhieda jistghu jinstemghu u liema xhieda messhom ittellghu qabel matul il-procedura. Jekk il-Qorti Kostituzzjonali, l-istess bhal dik Ewropea, tindahal f’dan l-aspett tkun qed tarroga ghaliha d-dritt li sservi ta’ Qorti ta’ Appell procedurali.

“Illi naturalment, f’kazijiet fejn ikun hemm ksur car ta’ drittijiet fundamentali din il-Qorti tista’ tintervjeni u tiddikjara tali ksur. Izda dak odjern m’huwiex kaz bhal dan. Ir-rikorrent ma ottemperax ruhu ma’ ordni legittima tal-Qorti ghax ix-xhud li ried itella’ baqa’ ma giex notifikat. Sakemm tali xhud ma jkunx telaq mill-pajjiz bla tracci ta’

xejn, kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jirsisti u jassigura ruhu li tali notifika tigi fil-fatt effettwata. Ghalkemm huwa minnu li l-Qorti ghandha dmir li turi gustizzja ma' kulhadd, dan jimplika wkoll li ma jigix permess dewmien fil-proceduri li seta' jigi evitat.

"<u>It-Tieni Aggravju</u>

"Illi ghal darba ohra, hawnhekk ghandna kwistjoni ta' gudizzju li bilfors ikollu jsir *a tempo vergine* mill-gudikant. Jekk il-gudikant deherlu li avukat qed jipprova jtawwal il-proceduri inutilment billi jallega ezawriment, allura l-Qorti ghamlet sew li ordnat it-tkomplija tal-proceduri. Il-principju ta' *equality of arms* japplika meta l-Qorti kapriccozament iccahhed lil xi hadd mill-partijiet mill-possibilta` li juza l-mezzi kollha li ttih il-ligi biex iwassal fehmtu quddiem il-Qorti. Izda f'dan il-kaz hadd ahjar mill-gudikant ma seta' jifli s-sitwazzjoni u jara x'jaqbel li jsir fic-cirkostanzi. Sabiex ikun hemm *equality of arms*, jinhtieg li l-opportunita` li jsemma lehnu li jkun qed jitlob xi hadd mill-partijiet tkun ragjonevoli, b'dak kollu li timplika din il-kelma. Dan huwa l-pern tal-kwotazzjoni minn Harris, O'Boyle u Warbrick fir-rikors promotur.

"Ma hemmx dubbju li l-principju ta' *equality of arms* jezisti u huwa sancit bhala parti mid-dritt ghal smiegh xieraq. Fuq dan m'hemmx kontestazzjoni. Izda ma hemm ebda kaz li wiehed jghid li l-gudikatur mar kontra dan il-principju.

"**Kaufman v. Belgium** kien jirrigwarda cirkostanzi differenti minn dawk odjerni, u ghalhekk, ghalkemm wiehed jista' jikkondividi l-fehma tal-Qorti Ewropea kif espressa fis-silta li qed tigi kkwotata mir-rikorrent, l-istess rikorrent ma jistax jallega illi din tapplika ghal kaz in ezami. L-istess diskors jista' jinghad ghar-rigward tal-kawza **Onor. Dr. Depasquale v. Avukat Generali**.

"Ta' min jirrimarka wkoll li l-kwotazzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali siltet mill-Fawcett f'**Il-Pulizija v. Ellul Sullivan** taghmel referenza espressa ghall-fatt li t-tribunal li quddiemu jkun hemm kawza ghandu dover *"to prevent*

*in any form an undue prolongation or delay of the proceedings…”.*

“<u>It-Tielet Aggravju</u>

“Illi, il-Qorti ghal darb’ohra ghandha l-poter u hi fl-ahjar pozizzjoni biex tiggudika dwar l-iter tal-proceduri quddiemha. Ma hemm ebda regola li affidavit ma jistax isir il-kontro-ezami tieghu dakinhar stess li jigi pprezentat. Naturalment, hafna jiddependi min-natura tal-affidavit. Jekk ikun wiehed tekniku u li jinhtieg studju, il-Qorti taghmel sew li tippostponi l-kontro-ezami ghal okkazjoni ohra. Izda jekk il-Qorti jidhrilha li l-affidavit prezentat kien wiehed semplici, allura jkun fl-interess tal-kawza intiera li jsir il-kontro-ezami dakinhar u b’hekk tithaffef il-kawza. Dak li ntqal fil-kaz **Busuttil v. Onorevoli Prim Ministru et** ma jikkonfliggix ma’ dak li sehh fil-kaz odjern, stante illi r-rikorrent kellu l-possibilta` li jaghmel kontro-ezami lil Mario Muscat li kien prezenti fl-Awla.

“Minkejja l-fatt li l-affidavit ta’ Mario Muscat fih aktar minn pagna, meta wiehed jiflih jara’ li fih biss fatti li c-cirkostanzi taghhom zgur li kienu ben noti lir-rikorrent. Ghalhekk kellha tkun haga assai semplici li jsir il-kontro-ezami mill-avukat tar-rikorrent bil-beneficcju tal-*feedback* tal-istess rikorrent.

“Ta' min isemmi wkoll illi minkejja li dawn l-ilmenti kollha tressqu mir-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Appell, din cahditlu l-aggravju ghar-raguni li huwa kien diga` nghata diversi opportunitajiet biex iressaq ix-xhieda tieghu. Ir-rikorrent hu tal-opinjoni li kwalunkwe nuqqas tal-parti li qed tirreklama ksur tad-dritt ta’ smiegh xieraq ma jistax jinnewtralizza l-fatt li sehh tali ksur. Izda fil-fatt il-Qorti Ewropea tirretjeni li applikant m’ghandux ikun ikkontribwixxa hu stess ghan-nuqqas minnu lamentat, f’dan il-kaz nuqqas ta’ smiegh xieraq. Decizjoni kostituzzjonali favur rikorrent tippresupponi li kien hemm xi nuqqas mill-awtoritajiet f’dan il-kaz dawk gudizzjarji, u mhux nuqqas mir-rikorrent stess li jkun direttament konness mal-ksur ta’ drittijiet riklamat mill-istess rikorrent!

“Fid-dawl tas-suespost, huwa car illi l-azzjoni odjerna kif proposta hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda l-ispejjez kontra l-istess rikorrent.”

Rat ir-risposta li l-kjamat fil-kawza Avukat Generali ressaq u li in forza taghha eccepixxa illi:

“Illi fl-ewwel lok, dan ir-rikors m’huwiex ghajr tentattiv biex jerga’ jinfetah mill-gdid kaz li diga` ghadda mill-istadji kollha tas-smiegh, inkluz dak tal-appell, u ghalhekk ghandu jigi respint stante illi kif inhuwa risaput m’huwiex l-iskop ta’ kawzi Kostituzzjonali illi jservu ta’ opportunita` ghat-tieni appell.

“**<u>L-ewwel punt sollevat</u>**

“Illi jekk Victor Cauchi kien xhud importantissimu, huwa kien messu gie indikat b’mod specifiku fil-lista tax-xhieda. Huwa rikonoxxut, mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, li kull Qorti ghandha certu margini ta’ flessibilta` sabiex tiggestixxi l-procedura tal-kawzi quddiemha, u huwa mholli f’idejn il-gudikant li jkun sabiex jiddeciedi liema xhieda jistghu jinstemghu u liema xhieda messhom ittellghu qabel maghtul il-procedura. Jekk il-Qorti Kostituzzjonali, l-istess bhal dik Ewropea, tindahal f’dan l-aspett tkun qed tarroga ghaliha d-dritt li sservi ta’ Qorti ta’ Appell procedurali.

“Illi fi kwalunkwe kaz, il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tirrikonoxxi l-principju li kull Qorti ghandha certu margini ta’ flessibilta` sabiex tiggestixxi l-procedura tal-kawza quddiemha. Ghalhekk, huwa l-gudikant li ghandu f'idejh il-jedd li jiddeciedi dwar liema xhieda ghandhom jinstemghu waqt kawza u f’liema stadju tal-proceduri.

“Illi naturalment, din il-Qorti kienet tkun tista’ u kien ikollha l-obbligu li tintervjeni kieku l-kaz odjern kien jinvolvi xi ksur attwali ta’ xi dritt fundamentali, sitwazzjoni li hawnhekk ma tapplikax. In-nuqqas kontinwu ta’ notfika tax-xhud Cauchi nonostante l-ordni tal-Qorti tal-ewwel istanza juri bic-car fejn ghandu jigi riskontrat in-nuqqas f’dan il-kaz.

"Diversa kienet tkun is-sitwazzjoni kieku x-xhud inkwistjoni kien xi fuggitiv li halla l-pajjiz habta u sabta u minghajr tracci, izda f'dan il-kaz kien jigi mir-rikorrent li jirsisti u jassigura ruhu li tali notifika tigi fil-fatt effettwata u segwita. Huwa d-dmir tal-Qorti, sabiex ma jigu lezi d-drittijiet fundamentali ta' ebda parti f'kawza, li tara li ma jigix permess dewmien fil-proceduri li seta' jigi evitat.

"**It-Tieni punt sollevat**

"Ma hemmx dubbju li l-principju ta' *equality of arms* jezisti u huwa sancit bhala parti mid-dritt ghal smiegh xieraq. Izda l-mod kif imxiet l-ewwel Qorti ma jiggustifikax l-akkuzi tar-rikorrent li din kisret dan il-principju.

"Il-kawzi li jiccita r-rikorrent ma jistghux iservu ta' konfront ghall-allegazzjoni tieghu. Hekk, kemm f'**Kaufman v. Belgium** kif ukoll f'**Onor. Dr. Depasquale v. Avukat Generali**, il-fatti tal-kaz kienu sostanzjalment differenti minn dawk tal-kaz in ezami. Ghalhekk, dak li rritjeniet il-Qorti f'**Kaufman**, kif ikkwotata mir-rikorrent, m'huwiex applikabbli ghac-cirkostanzi odjerni.

"Ta' min jirrimarka wkoll li l-kwotazzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali siltet mill-Fawcett f'**Il-Pulizija v. Ellul Sullivan** taghmel referenza espressa ghall-fatt li t-tribunal li quddiemu jkun hemm kawza ghandu dover *"to prevent in any form an undue prolongation or delay of the proceedings…".*

"Wiehed irid ukoll japprezza l-fatt li l-Qorti waqt kawza tkun fl-ahjar pozizzjoni biex tiddeciedi dwar kwistjonijiet ta' procedura u zzomm il-bilanc bejn li jinghata smiegh xieraq lill-partijiet u li dan jinghata fi zmien xieraq, u kull wiehed minn dawn iz-zewg elementi wara kollox jiffurma parti mir-rekwiziti ta' smiegh xieraq skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Zgur li hadd aqwa mill-gudikant fl-ewwel Qorti ma jista' jezamina s-sitwazzjoni u jara' x'jaqbel li jsir fic-cirkostanzi. M'huwiex il-hsieb wara l-principju ta' *equality of arms* li dan jippermetti lil parti f'kawza li ttawwal il-proceduri intenzjonalment jew minhabba inefficjenza bl-iskuza li mhux qed ikollha l-

opportunita` xierqa biex tinstema'. Il-bilanc li huwa inerenti fil-process gudizzjarju jipprojbixxi tali agir. Huwa ghalhekk li anke l-Qorti Ewropea tezita milli tintrometti ruhha f'kazijiet ta' decizjonijiet li huwa aktar xieraq li jittiehdu dak il-hin waqt is-smiegh, mill-Qorti li qed tisma' l-kaz, milli minn Qorti ohra ghadd ta' snin wara.

"Ghalhekk il-principju ta' *equality of arms* applika biss meta l-Qorti ghall-ebda raguni valida iccahhad lil xi hadd mill-partijiet mill-possibilta` li juza' l-mezzi kollha li ttih il-ligi biex iwassal fehmtu quddiemha. Il-kriterju ta' ragjonevolezza fit-talba jew talbiet li tkun ghamlet il-parti leza lill-ewwel Qorti huwa essenzjali sabiex jigi determinat jekk kien jew ma kienx hemm rispett lejn il-principju ta' *equality of arms*. Il-kwotazzjoni li r-rikorrent ghogbu jislet minn Harris, O'Boyle u Warbrick fir-rikors promotur tghid proprju dan.

"**<u>It-Tielet punt sollevat</u>**

"Ta' min josserva li minkejja l-fatt li l-affidavit ta' Mario Muscat fih aktar minn pagna, meta wiehed jiflih jintebah li l-kontenut tieghu kien jirrigwarda fatti li zgur li kienu ben noti lir-rikorrent. B'hekk, ma tqumx il-problema ta' impossibilta` li jsir kontro-ezami hlief jekk wiehed ma jridx apposta jgib il-kwistjoni bi kbira. Wara kollox, wiehed ma jridx jinsa' li l-avukat tar-rikorrent seta' wkoll javvali ruhu mill-beneficcju tal-*feedback* li seta' jaghtih l-istess rikorrent, li kien prezenti wkoll fl-awla. Izda l-esponent jissuspetta li f'dak l-istadju, l-avukat tar-rikorrent diga` kien qataghha li jilghab ghall-hin sabiex forsi jsehhlu jtella' lix-xhud Victor Cauchi, u ghalhekk f'lehha ta' berqa misterjozament beda jhossu ma jiflahx, haga li qatt ma grat lill-avukat tal-esponent fi tnax-il sena ta' prattika. Verament li f'kazijiet hekk kull deni ghandek tiehdu b'gid! Huwa hazin li jsiru manuvri simili ghax apparti minn kull raguni ohra, il-Qorti aktarx li tkun gharfa bizzejjed biex ma taqax ghalihom.

"Inoltre, harsa lejn il-Kodici ta' Procedura Civili turi li m'hemm ebda regola mandatorja li affidavit ma jistax isir il-kontro-ezami tieghu dakinhar stess li jigi pprezentat. Ir-

raguni ovvjament hija sabiex il-gudikant ikun jista' jkollu u jhaddem dik il-flessibilta` necessarja li tippermetti andament ahjar tal-process gudizzjarju. B'hekk jekk bhal fil-kaz odjern il-Qorti jidhrilha li l-affidavit prezentat ikun wiehed mhux partikolarment ikkomplikat, allura jkun fl-interess tal-kawza intiera li jsir il-kontro-ezami dakinhar u b'hekk tithaffef il-kawza. Infatti, hawn anke Imhallfin li jezigu li l-kontro-ezami jsir mill-ewwel wara l-ezami tax-xhud, sabiex jigi evitat li jinhela l-hin f'seduti ohrajn. Ghar-rigward ta' dak li ntqal fil-kaz **Busuttil v. Onorevoli Prim Ministru et**, dan ghal darba ohra mhux ta' konfort ghat-tezi tar-rikorrent stante illi l-istess rikorrent kellu kull possibilta` li jaghmel kontro-ezami lil Mario Muscat li kien prezenti fl-Awla.

"**<u>Konkluzjoni</u>**

"Ta' min isemmi wkoll illi minkejja li dawn l-ilmenti kollha tressqu mir-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Appell, din cahditlu l-aggravju ghar-raguni li huwa kien diga` nghata diversi opportunitajiet biex iressaq ix-xhieda tieghu. Ir-rikorrent hu tal-opinjoni li kwalunkwe nuqqas tal-parti li qed tirreklama ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq ma jistax jinnewtralizza l-fatt li sehh tali ksur. Izda fil-fatt il-Qorti Ewropea tirretjeni li applikant m'ghandux ikun ikkontribwixxa hu stess ghan-nuqqas minnu lamentat, f'dan il-kaz nuqqas ta' smiegh xieraq. Decizjoni kostituzzjonali favur rikorrent tippresuponi li kien hemm xi nuqqas mill-awtoritajiet, f'dan il-kaz dawk gudizzjarji, u mhux nuqqas mir-rikorrent stess li jkun direttament konness mal-ksur ta' drittijiet riklamat mill-istess rikorrent!

"Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez kontra r-rikorrent."

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Marzu 2009, li biha cahdet it-tieni eccezzjoni tal-kumpaniji Cranes and Commercial Sales Ltd u Joseph Caruana Co. Ltd u ordnat il-kontinwazzjoni tas-smiegh tal-kawza; minn din is-sentenza ma tressaq ebda appell;

Rat is-sentenza fil-mertu li tat l-imsemmija Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Jannar 2010, li in forza taghha cahdet it-talba tar-rikorrent billi ma ntweriex li huwa garrab ksur tal-jedd tieghu ghal smiegh xieraq kif imhares kemm bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u ordnat li l-ispejjez jithallsu mir-rikorrent ghajr ghal dawk marbutin mas-sentenza preliminari tas-26 ta' Marzu 2009, li jithallsu kif ordnat f'dik l-istess sentenza.
Dik il-Qorti tat din is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**"Ikkunsidrat:**

"Illi din hija azzjoni dwar ilment ta' ksur tal-jedd fundamentali ta' smigħ xieraq f'kawża quddiem qorti. Ir-rikorrent jgħid li huwa ġarrab dan il-ksur, kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, meta qorti li quddiemha kien qiegħed jinstema' każ tiegħu ordnat lill-avukat tiegħu ikompli jressaq il-provi u jagħmel il-kontro-eżami tax-xhieda tal-parti l-oħra, u kif ukoll biex jittratta l-kawża dak inhar tas-smigħ, meta l-istess avukat urieha li kien għejja u ma felaħx ikompli. Jilminta wkoll minħabba li dik l-istess qorti kienet ċaħditlu t-talba tiegħu li jitħalla jtella' b'xhud tiegħu, waqt smigħ ieħor, lil xhud li huwa kien ipprova jħarrek u ma nstabx. U jilminta wkoll mill-fatt li dik il-qorti kienet ħalliet il-kawża għas-sentenza bla ma tatu żmien jifli stqarrija ta' xiehda (affidavit) tal-parti l-oħra u ħalliet il-kawża għas-sentenza u għaddiet biex tagħti s-sentenza bla ma semgħet x'kellu x'jgħidilha dwar il-każ tiegħu. Ir-rikorrent jgħid ukoll li ġarrab ksur ta' smigħ xieraq fl-istadju tal-appell u għalhekk qiegħed jitlob it-tħassir kemm tas-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti u kif ukoll dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell;

"Illi r-rikorrenti b'hekk iqis li ġarrab ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

"Illi mill-<u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti</u> ta' din il-kawża u dawk tal-kawża numru 51/02PC, jirriżulta li fis-6 ta' Ġunju,

2002, ir-rikorrent fetaħ kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Superjuri kontra ħuh Mario u kontra għadd ta' kumpanniji biex jitlob lil dik il-Qorti ssib li bungalow li jinsab fil-limiti ta' Ħad-Dingli, mixtri fuq isem ħuh, kien fis-sewwa nxtara f'isem l-attur bi flus tiegħu bħala prestanome tiegħu. Talab ukoll li l-atti ta' subbasta mibdijin mill-intimata Cranes & Commercial Sales Limited kontra ħuh titqies bla siwi safejn tolqot l-imsemmi bungalow, u b'hekk tħassar dawk il-proċeduri. Fl-aħħarnett, talab li l-Qorti tordna li l-post jgħaddi fuq ismu billi tordna lil ħuh jersaq għall-att pubbliku meħtieġ, taħtar nutar biex jippubblika dak l-att u kif ukoll kuraturi biex jidhru għal dawk li jonqsu li jersqu fuq il-kuntratt;

"Illi dik il-kawża kienet kontestata mill-imħarrkin kollha, u mqiegħda għas-smigħ għat-22 ta' Ottubru, 2002. B'degriet mogħti waqt is-smigħ tat-8 ta' April, 2003, il-kawża tħalliet għat-2 ta' Diċembru, 2003. Imma, b'degriet tagħha tad-29 ta' Mejju, 2003, fuq talba magħmula b'rikors mill-Bank of Valletta p.l.c., il-Qorti tal-Maġistrati ġabet 'il quddiem is-smigħ tal-kawża (flimkien ma' kawża oħra bin-numru 76/02 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Mario Muscat et" li kienet qiegħda tinstema' flimkien magħha) għat-3 ta' Ottubru, 2003. Dak inhar, il-Qorti ordnat li l-provi jinstemgħu mill-Assistent Ġudizzjarju tagħha, l-Avukat Aron Attard Ħili. Bejn Novembru tal-2003 u Marzu tal-2004, l-Assistent Ġudizzjarju żamm erba' (4) seduti għall-provi tar-rikorrent. La r-rikorrent u lanqas l-avukat tiegħu ma attendew imqar waħda minn dawk is-seduti, imma f'xi żmien matul dak il-perjodu, tressqu x-xhieda bl-affidavit tar-rikorrent u ta' ħuh Edwin;

"Illi meta fis-seduta tat-12 ta' Marzu, 2004, reġa' la deher ir-rikorrent u lanqas l-avukat tiegħu, l-Assistent Ġudizzjarju ta appuntament ieħor għal seduta fis-16 ta' April, 2004, u talab direttiva mill-Qorti dwar il-ġbir tal-provi. B'degriet tat-12 ta' Marzu, 2004[14], dik il-Qorti ordnat lill-Assistent Ġudizzjarju biex "jiġbor il-provi kollha tal-attur fis-seduta li jmiss, u fin-nuqqas jipproċedi biex jiġbor il-provi tal-konvenuti". Fis-seduta tas-16 ta' April, 2004, ir-

[14] Paġ. 120 tal-atti tal-kawża 51/02

rikorrent u l-avukat tiegħu reġgħu ma dehrux. L-Assistent Ġudizzjarju reġa' sejjaħ żewġ seduti oħrajn fil-21 ta' Mejju u fil-15 ta' Ġunju, 2004, li fihom reġgħu ma tressqux provi min-naħa tal-intimati. Ir-rikorrent ma kienx preżenti għalihom, imma deher l-avukat tiegħu. Fis-seduta tal-15 ta' Ġunju, 2004[15], fost l-oħrajn, l-Assitent Ġudizzjarju ivverbalizza li "Peress li din il-kawża tinkolpi l-istess mertu tal-kawża l-oħra BOV plc vs Mario Muscat et (Ċitazz. Nru. 76/2002) għandha tibqa' għas-sentenza";

"Illi fl-24 ta' Ġunju, 2004, il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba tal-Bank intimat biex l-affidavit ta' wieħed Anthony Scicluna li jagħmel parti mill-atti tal-kawża 76/02 jiddaħħal fl-atti tal-kawża tar-rikorrent, u ħalliet il-kawża għas-sentenza għall-5 ta' Ottubru, 2004. Dik il-Qorti ma pprovdietx dwar rikors imressaq mill-avukat Grech, għar-rikorrent, fil-21 ta' Ġunju, 2004, li bih talab li l-kawża titħalla għal data oħra minħabba li kellu jidher biex jittratta kawża quddiem qorti f'Malta;

"Illi b'rikors imressaq mir-rikorrent fis-6 ta' Awwissu, 2004[16], huwa talab li dik il-Qorti tieqaf milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza biex sadattant tipprovdi dwar l-ilmenti tiegħu li (a) ma ngħatax l-opportunita' li jgħid tiegħu dwar it-talba tal-Bank of Valletta p.l.c. li jitħalla jressaq kopja ta' l-affidavit ta' Anthony Scicluna; (b) li hu ma kienx għadu għalaq il-provi tiegħu; (ċ) li, f'kull każ, il-Qorti kellha tagħtih l-opportunita' li jittratta l-kawża "inkella jkun hemm ksur tal-artikolu 6 ta' Konvenzjoni"; u (d) jitħalla jressaq lill-intimat Mario Muscat b'xhud tiegħu. Dik it-talba ma ntlaqgħetx b'degriet tad-9 ta' Awwissu, 2004[17]. "Ir-rikorrent ressaq rikors ieħor fit-3 ta' Settembru, 2004, u tenna l-erba' lmenti tiegħu b'mod aktar elaborat u reġa' talab li jingħata r-rimedji mistennija minnu. Dik il-Qorti tat degriet fl-10 ta' Settembru, 2004[18], li bih "għar-raġuni biss li ma kienx għadu ġie degretat ir-rikors tal-legali ta' l-attur tal-21 ta' Ġunju, 2004 meta din il-kawża tħalliet għas-sentenza tlitt ijiem wara", waqfet milli tgħaddi għall-għoti

[15] Paġ. 129 tal-atti tal-kawża 51/02
[16] Paġ. 132 tal-atti tal-kawża 51/02
[17] Paġ. 133 tal-atti tal-kawża 51/02
[18] Paġ. 140 tal-atti tal-kawża 51/02

tas-sentenza u ħalliet "il-kawża għall-aħħar darba għall-provi kollha tal-kontendenti" għall-5 ta' Ottubru;

"Illi fil-15 ta' Settembru, 2004, ir-rikorrent reġa' ressaq rikors ieħor biex, fid-dawl ta' xi żviluppi li kienu seħħew u minħabba dikjarazzjonijiet li kienu saru qabel tul is-smigħ tal-kawża, il-Qorti tieqaf milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza. B'degriet tat-23 ta' Settembru, 2004[19], dik il-Qorti astjeniet milli tqis iżjed dak ir-rikors, fid-dawl tad-degriet illi kienet tat fl-10 ta' Settembru;

"Illi meta ssejħet il-kawża fil-5 ta' Ottubru, 2004, deher l-avukat tar-rikorrent u l-intimat Mario Muscat mgħejjun mill-avukat tiegħu iżda l-kawża tħalliet "għall-provi kollha tal-kontendenti u trattazzjoni finali għall-5 ta' Novembru, 2004 fil-11.00 a.m., bl-intiża li jekk ser jitressqu xi xhieda, dawn iridu jitressqu viva voce fl-udjenza";

"Illi fit-12 ta' Ottubru, 2004, ir-rikorrenti ħareġ taħrika għal ħames xhud. Fil-15 ta' Ottubru, 2004, ir-rikorrent ħareġ taħrika oħra għal erba' xhud oħrajn, fosthom wieħed li kien diġa' ħarrek qabel. F'każ ta' xhud minnhom – dik dwar Victor Cauchi – ma saritx notifika;

"Illi fis-smigħ tal-5 ta' Novembru, 2004, l-intimat Mario Muscat ressaq nota bix-xhieda tiegħu b'affidavit maħluf minnu lejliet is-seduta[20], u xehdu erbgħa mix-xhieda mħarrkin mir-rikorrent. L-avukat tar-rikorrent talab li l-kawża titħalla għal data oħra biex ikun jista' jitħarrek Victor Cauchi, iżda wara l-oppożizzjoni murija minn żewġ avukati tal-parti l-oħra, l-Qorti ċaħdet dik it-talba. Dak il-ħin, l-avukat tar-rikorrenti iddikjara li kien sar il-ħin u ma kienx iżjed f'qagħda "mentali u fiżiku li jkompli jagħmel ix-xogħol tiegħu minħabba eżawriment". Il-Qorti ordnat li, minkejja dan, il-kawża kellha tkompli tinstema' u dak il-ħin stiednet lir-rikorrent ikompli jressaq il-provi li seta' kien fadallu. L-avukat tiegħu reġa' tenna l-pożizzjoni tiegħu. Xehed l-intimat Mario Muscat, saret it-trattazzjoni bil-fomm mill-avukat tiegħu u l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-27 ta' Jannar, 2005;

[19] Paġ. 144 tal-atti tal-kawża 51/02
[20] Paġġ. 165 – 6 tal-atti tal-kawża 51/02

"Illi fis-27 ta' Jannar, 2005, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali tat is-sentenza. Ir-rikorrent appella minnha fis-16 ta' Frar, 2005. Dak inhar ukoll ingħatat is-sentenza fil-kawża numru 76/02. Minnha ma sarx appell, imma r-rikorrent u martu reqqsu talba għar-ritrattazzjoni ta' dik il-kawża fil-21 ta' Ġunju, 2005[21]. Fit-28 ta' Settembru, 2007, il-Qorti tal-Appell qatgħet l-appell tar-rikorrent billi ċaħditu. Fit-2 ta' Mejju, 2008, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tat is-sentenza fil-kawża ta' ritrattazzjoni magħmula mir-rikorrent u martu, billi ċaħdet it-talba tagħhom li tħassar is-sentenza (fil-kawża numru 76/02) u li terġa' tisma' l-każ mill-ġdid[22]. Fl-14 ta' Lulju, 2008, infetħet din il-kawża;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ jidher li l-Qorti trid tqis l-ilment tar-rikorrent fid-dawl tal-kronaka ġudizzjarja tas-smigħ tal-kawża numru 51 tal-2002, b'mod partikolari dawk marbuta mal-aħħar waqtiet tagħha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Superjuri Ġenerali. Kemm hu hekk, fis-sottomissjonijiet tiegħu[23], huwa jagħmilha ċara li l-azzjoni tiegħu "hija impernjata fuq id-degriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, mogħti fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 2004"[24] (aktar 'il quddiem imsejjaħ "id-degriet"). Jidher ukoll li l-ilmenti tar-rikorrent bl-ebda mod ma jolqtu l-aspett ta' l-imparzjalita' tal-imsemmija Qorti għall-finijiet tal-jedd għal smigħ xieraq;

"Illi dwar id-degriet, ir-rikorrent iressaq tliet (3) ilmenti li dwarhom jisħaq li ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Huwa jgħid li dak il-ksur seħħ għaliex id-degriet (a) ċaħad it-talba li l-kawża titħalla għal darba oħra, minħabba li l-avukat tiegħu ma felaħx aktar ikompli jagħti s-servizz tiegħu għaliex ma kienx f'sikktu; (b) ordna s-smigħ tax-xhieda tal-parti l-oħra u li ssir it-trattazzjoni tal-għeluq bla ma kien intemm it-tressiq tal-provi min-naħa

[21] Ċitazz. Nru. 56/05AE
[22] Minn dik is-sentenza tressaq appell fid-19.5.2008 li għadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell
[23] Paġ. 138 tal-proċess
[24] Ara paġġ. 208 – 9 tal-atti tal-kawża 51/02 u paġġ. 17 – 8 tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28.9.2007 fl-istess kawża

tar-rikorrent; u (ċ) ma laqax it-talba li l-kawża titħalla għal darb'oħra biex ikun jista' jittella' xhud importanti li, minkejja l-ħruġ ta' Mandat ta' Taħrik ta' Xhud fil-konfront tiegħu, ma kienx ġie notifikat bl-istess mandat;

"Illi fir-rigward tar-rwol ta' din il-Qorti kif adita mir-rikorrent, din il-Qorti tibda billi tgħid li taqbel mal-intimati li l-funzjoni tagħha fl-istħarriġ tagħha tal-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali mressaq mir-rikorrent m'għandux jissarraf f'appell ieħor mis-sentenzi kontestati. Fuq dan, jaqbel ir-rikorrent ukoll. Din il-Qorti hija mogħtija s-setgħa li, f'każ ta' ilment dwar ksur tad-dritt fondamentali tal-persuna għal smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistħarreġ l-imġiba ta' kull Qorti oħra, imqar jekk tkun waħda ġerarkikament ogħla minnha. Iżda din is-setgħa wiesgħa hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali m'għandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq ikkommettewx żball ta' liġi jew ta' fatt fid-deċiżjonijiet tagħhom[25]. Hija setgħa limitata biex tqis jekk il-proċediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigħ xieraq kienx tassew wieħed imparzjali u "skond il-liġi"[26];

"Illi f'dan l-istadju l-Qorti jidhrilha li għandha tiċċita fehma ċara murija mill-Qorti Kostituzzjonali u li tagħti ħjiel tal-parametri safejn din il-Qorti tista' tibqa' sejra biex tistħarreġ allegat ksur ta' dritt fondamentali mwettaq minn Qorti oħra. Ingħad hekk:

""Allaħares kellu jiġi ammess il-prinċipju illi r-rimedju għal meta, per eżempju Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, tifhem ħażin il-liġi u tapplika u tinterpreta dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali jew ta' xi liġi penali oħra b'riżultat ta' liema dak li jkun jnistab ħati, allura awtomatikament jitwieled id-dritt kostituzzjonali ta' rimedju minħabba nuqqas ta' smigħ xieraq. Dan ikun jammonta għal interpretazzjoni kompletament novella pero' li qatt ma ġiet aċċettata anqas fi Strasbourg ta' x'verament ifisser id-dritt ta' smigħ xieraq. ..... Ċertament, kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll

---

[25] P.A. Kost. RCP **2.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Domenico Savio Spiteri vs Avukat Ġenerali et***
[26] P.A. Kost. VDG **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (mhix pubblikata u mhix appellata)

il-Qorti Kostituzzjonali m'humiex preklużi milli jiddeċiedu, meta jkun il-każ, illi xi Qorti oħra tkun illediet xi wieħed mid-drittijiet fondamentali tal-individwu - deċiżjonijiet li bħalhom ittieħdu diversi drabi kemm f'dak li jirrigwarda per eżempju liberta' provviżorja kif ukoll f'dak li jirrigwarda smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, fost każijiet oħra."[27];

"Illi l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni li fuqu r-rikorrent isejjes l-ilment tiegħu jistabilixxi r-regola bażilari li kull qorti jew awtorita' ġudikanti oħra mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u li meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik jitressqu quddiemha, il-każ għandu jingħata smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, li r-rikorrent ukoll isejjaħ favurih fl-ilment imressaq minnu, fl-ewwel sentenza tal-ewwel sub-inċiż tiegħu, juża l-istess kliem, imma jestendi r-regola tas-smigħ xieraq għal proċedimenti li jiddeterminaw xi jedd ċivili;

"Illi jista' jingħad li l-garanziji minimi msemmija fl-artikolu 6(1) huma l-anqas garanziji li parti f'kawża għandha tistenna li tingħata fil-proċediment li tkun imdaħħla fihom: ingħad b'awtorita' mill-Qorti ta' Strasbourg li l-jedd għal smigħ xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali huwa wieħed miftuħ, mogħni bil-possibilita' li jiġbor fih jeddijiet oħrajn li dak l-artikolu speċifikatament ma jsemmix[28]. Fost dawn, wieħed isib id-dritt għal dak li huwa magħruf bħala l-prinċipju tal-"equality of arms"[29];

"Illi bl-istess mod jingħad li għalkemm l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jiggarantix jedd ta' appell minn sentenza tal-ewwel grad, jekk kemm-il darba Stat jagħżel li jinkorpora tali jedd fis-sistema ġuridiku tiegħu, allura l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplika għal dik il-Qorti wkoll[30];

[27] Kost **9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.328**)
[28] Ara Harris, O'Boyle & Warbrick _Law of the European Convention on Human Rights_ (1995), paġ. 202-3
[29] Ara Q.E.D.B. **17.1.1970** fil-kawża fl-ismijiet ***Delcourt vs Belġju*** (Applik. Nru. 2689/65) § 28; u **16.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Rowe and Davis vs U.K.*** (Applik. Nru. 28901/95) §§ 60-2
[30] Harris, O'Boyle & Warbrick, o*p. cit.,* paġ. 240

"Illi meta wieħed jiġi biex iqis kif japplika l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni b'rabta ma' Qorti fi grad tal-Appell, iridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu (dak li huwa magħruf bħala "the 'trial as a whole' approach"[31]), magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna li tkun parti f'dik il-kawża[32];

"Illi jrid jingħad ukoll li l-verbali ta' kawża jitqies li juru dak li seħħ waqt is-smigħ u għandhom jittieħdu li saru sewwa[33], u sakemm parti ma tirreġistrax ilment jew oppożizzjoni għal dak li jiġi verbalizżat (imqar jekk permezz ta' att ġudizzjarju mressaq fl-atti tal-kawża) dik il-preżunzjoni għandha titqies li baqgħet fis-seħħ;

"Illi, fuq kollox, jekk xi lment li parti f'kawża jista' jkollha ma ssemmihx meta jkollha l-opportunita' li tagħmel dan – bħal, per eżempju, fi stadju ulterjuri tal-kawża jew, jekk tkun ingħatat is-sentenza, fl-istadju tal-appell – ma jkunx mogħti lilha li tqajjem dak l-aggravju fis-sura ta' lment dwar ksur tal-jedd għal smigħ xieraq[34]

"Illi wara li saru dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti sejra tqis l-ilment tar-rikorrent taħt it-tliet "kawżali" li huwa għażel biex fuqhom jibni l-każ tiegħu;

"Illi l-ewwel aspett kien f'dik il-parti tad-degriet li ma laqgħetx it-talba tiegħu biex il-kawża titħalla għal darb'oħra sakemm jilħaq jitħarrek xhud li kien meqjus ta' siwi kbir ħafna għall-każ tiegħu u li, minkejja li kien inħareġ mandat ta' taħrik dwaru, ma kienx laħaq ġie notifikat sa dak inhar li kellha tinstema' l-kawża. Huwa jgħid li r-raġuni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati għaċ-ċaħda li tħalli jitressaq ix-xhud indikat kienet waħda żbaljata;

---

[31] Q.E.D.B. **23.2.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Stanford vs U.K.*** (Applik. Nru. 16757/90) § 24
[32] Ara Kost. **4.8.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.213**)
[33] P.A. Kost TM **7.7.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mintoff vs Avukat Ġenerali et***
[34] Kost. **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Theuma vs Avukat Ġenerali***

"Illi, kif ingħad qabel, il-motivazzjoni żbaljata ta' Qorti fl-għoti ta' provvedimenti jew sentenzi m'humiex raġuni li ssejjes ilment ta' ksur ta' smigħ xieraq. Dan jingħad imbagħad b'żieda mal-konsiderazzjoni dwar jekk żball bħal dak kienx jew setax ikun tqanqal f'livell ta' appell mill-istess provvediment jew sentenza. Għaliex jekk kemm-il darba Qorti fi grad tal-appell kellha lokkażjoni li tqis jew tistħarreġ żball bħal dak, allura anqas u anqas ikun jista' jingħad li l-parti aggravata b'dak il-provvediment jew b'dik is-sentenza tkun ġarrbet ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;

"Illi jirriżulta b'mod ċar ħafna mill-atti tal-kawża li l-ilment preżenti kien wieħed mill-erba' aggravji speċifiċi (tlieta dwar id-degriet u ieħor fil-mertu tal-azzjoni) li r-rikorrent kien qanqal bħala l-bażi tal-appell tiegħu mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell stħarrġet dak l-aggravju[35], qisitu, tat il-fehmiet tagħha dwaru u ċaħditu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak l-istħarriġ tal-Qorti tal-Appell jissarraf fi smigħ għal kollox xieraq fil-qafas tal-proċess sħiħ ta' dik il-kawża, u l-fatt li l-eżitu ta' dak l-istħarriġ ma għoġobx lir-rikorrent jew ma tahx ir-riżultat li xtaq ma jfissirx li jikkostitwixxi ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq;

"Illi r-rikorrent itenni li biċ-ċaħda tal-permess li jtella' l-imsemmi xhud, huwa ġarrab ksur tar-regola li trid li kull parti f'kawża tingħata l-opportunita' effettiva li tressaq il-provi tagħha. Jidher li r-rikorrent qiegħed jimplika li bis-saħħa ta' din il-parti tad-degriet inkiser il-prinċipju ewlieni tal-ħaqq naturali tal-audi et alteram partem. Issa huwa magħruf u aċċettat li ksur ta' dak il-prinċipju jaf ikun tassew raġuni tajba li twassal għat-tħassir tal-proċeduri li matulhom jirriżulta li jkun seħħ dak il-ksur. Imma wieħed irid jifhem li dak il-prinċipju "ma jimportax illi f'ġudizzju huwa imprexxindibilment neċessarju u assolutament essenzjali illi l-provi tal-parti effettivament jinstemgħu imma biss illi tingħata d-debita opportunita li huwa jipproduċihom. Kieku kien diversament u ċjoe kieku ma setgħetx taħt l-ebda ċirkostanzi tingħata sentenza ħlief wara s-smigħ tal-provi tal-konvenut, dan kien ikun jista'

[35] §§ 16 u 17 tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, f'paġġ. 228 – 9 tal-atti tal-kawża 51/02 (inkartament tal-appell)

jostakola u jimpedixxi d-definizzjoni tal-kawża billi jibqa' passiv jew jipprokrastina indefinittivament"[36];

"Illi ma jkunx barra minn postu li jingħad li l-Qorti tal-Appell kienet stħarrġet dan l-aggravju tar-rikorrent u sabet li ma kienx mistħoqq. Bħalma ngħad qabel, ma jistax jingħad li kien hemm xi ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq;

"Illi f'dan ir-rigward il-Qorti ssib li s-sottomissjonijiet magħmula mill-imsejjaħ fil-kawża fin-Nota tiegħu[37], u wkoll għar-riferenzi tas-sentenzi hemm imsemmija. Issib għalhekk li l-ilment tar-rikorrent taħt din il-kawżali ma huwiex mistħoqq;

"Illi t-tieni aspett jirrigwarda dik il-parti tad-degriet fejn il-Qorti ordnat li l-kawża tkompli s-smigħ minkejja li, f'dak il-ħin, l-avukat tal-fiduċja tiegħu ma kienx f'qagħda fiżika li jkompli jaqdi dmiru. Hawnhekk, huwa jilmenta kemm mill-fatt li f'dik iċ-ċirkostanza ma kienx f'qagħda li jagħlaq il-fażi tat-tressiq tal-provi kollha li kellu fi ħsiebu li jressaq (tant li kien hemm xi xhud imħarrek preżenti fl-awla li baqa' ma tax ix-xhieda tiegħu għaliex l-avukat ħassu ma jiflaħx u ma setax ikompli jtella' xhud oħrajn) u kif ukoll għaliex bl-istess ċirkostanzi nżamm milli ssir it-trattazzjoni tal-każ tiegħu fuq il-provi u r-riżultanzi tal-atti tal-kawża sa dak il-waqt;

"Illi hawnhekk ir-rikorrent iqanqal dak l-aspett tal-jedd ta' smigħ xieraq li jrid li kull parti f'kawża tingħata l-istess opportunita' biex tressaq 'il quddiem il-każ tagħha (l-prinċipju tal-equality of arms). Ir-rikorrent isaħħaħ l-argument tiegħu b'riferenza għall-awturi u għal deċiżjonijiet kemm tal-Qrati Maltin u kif ukoll tal-Qorti ta' Strasbourg;

"Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat Mario Muscat juri li jaqbel bħala prinċipju dwar is-siwi tal-prinċipju tal-proces equitable u t-tħaddim tiegħu, imma jisħaq li, fil-każ tal-lum, ma kien hemm l-ebda ksur tiegħu għaliex ma ġara xejn li

[36] App. Kumm. **13.1.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Falzon vs Anthony Debono noe*** (mhix pubblikata)
[37] Paġġ. 162 – 4 tal-proċess

bih xi naħa fil-kawża ngħatat vantaġġ proċedurali fuq l-oħra. Dan jgħidu kemm dwar l-opportunita' tat-tressiq tal-provi u wkoll dwar it-trattazzjoni tal-każ. Huwa jressaq ukoll bosta riferenzi għal deċiżjonijiet lokali u barranin dwar il-fehma tiegħu[38];

"Illi l-kwestjoni tal-għajnuna effettiva ta' avukat tal-fiduċja f'kull waqt tal-proċediment ċivili ilha tkun mistħarrġa mill-qrati għall-finijiet tal-kwestjoni tas-smigħ xieraq. In-nuqqas ta' jedd li parti tkun rappreżentata f'kawża minn avukat minnu nnifsu ma jġibx ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, sakemm ma jintweriex li dak in-nuqqas ikun ġab preġudizzju u sbilanċ fil-mod ta' kif il-każ tal-parti jkun tressaq[39];

"Illi f'dan il-każ ir-rikorrent jargumenta li l-qagħda fiżika u mentali tal-avukat tal-fiduċja tiegħu matul is-smigħ tal-kawża meta tħalliet għas-sentenza kien daqslikieku ma kienx hemm avukat jidher għalih. Huwa ressaq provi f'dan ir-rigward[40], korroborati wkoll mix-xhud imressaq mill-intimat Mario Muscat[41]. Ix-xhud tar-rikorrent jgħid li dak inhar tas-smigħ, minbarra l-eżawriment fiżiku u mentali li kien ħakmu, ħass li kienet qiegħda ssir xi forma ta' pressjoni kemm mill-Qorti tal-Maġistrati u minn waħda mill-partijiet (il-Bank intimat) biex akkost ta' kollox dak inhar il-każ jingħalaq u jsir kulma kien irid isir biex il-kawża titħalla għas-sentenza;

"Illi l-Qorti hija tal-fehma li meta wieħed jifli l-medda kollha tal-proċess tal-imsemmija kawża, wieħed ma jistax ma jarax kemm ir-rikorrent naqas li jutilizża ż-żmien prezzjuż biex ma jsibx ruħu fil-qagħda li kien fiha fl-imsemmi smigħ, u kif ukoll x'rimedji oħrajn kellu għad-dispożizzjoni tiegħu biex jirrimedja dik il-qagħda. Jirriżulta li, f'waqtiet qabel dak inhar li ngħata d-degriet, ir-rikorrent kien diġa' seħħlu b'suċċess idawwar favurih il-fehma tal-Qorti tal-Maġistrati (bis-saħħa ta' rikors) biex ma tgħaddix għall-għoti tas-

---

[38] Paġġ, 150 – 1 tal-proċess

[39] Kost. **27.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Il-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol : **LXXVII.i.64**) li kien jirrigwarda każ ta' persuna li ma tħallietx tqabbad avukat jidher għaliha quddiem it-Tribunal Industrijali (għaliex il-liġi dak iż-żmien kienet iċċaħħad lil parti quddiem dak it-Tribunal milli tqabbad avukat)

[40] Xhieda tal-Avukat Alfred Grech 17.6.2009, f'paġġ. 114 – 5 tal-proċess

[41] Xhieda tal-Avukat Michael Tanti Dougall 17.6.2009, f'paġ. 129 tal-proċess

sentenza u biex tisma' l-provi li kien għad fadallu u t-trattazzjoni tal-każ. Wara li dik il-Qorti tat id-degriet (mertu ta' din il-kawża) u ħalliet il-kawża għas-sentenza, ir-rikorrent ma jidher li għamel xejn aktar, imqar biex jitlob li jitħalla jagħmel it-trattazzjoni tal-każ b'nota biex jimla n-nuqqas li seħħ meta l-avukat tiegħu ma kienx f'qagħda li jittratta dak inhar tal-5 ta' Novembru, 2004;

"Illi kif ingħad f'każ li jixbah lil dan tal-lum, parti f'kawża ma tistax ma tinqediex jew tħarisx ir-regoli tal-proċedura u mbagħad wara tilmenta li ġarrbet ksur ta' smigħ xieraq f'dik l-istess kawża[42]. Hawn ukoll irid jingħad li dan l-aggravju kien imressaq quddiem il-Qorti tal-Appell u jidher li ma qisitx li b'dak li seħħ kien inħalaq xi sproporzjon bejn il-fakulta' li r-rikorrent iressaq il-każ tiegħu u l-mezzi mogħtija lill-partijiet l-oħrajn fil-każ;

"Illi t-<u>tielet aspett</u> jirrigwarda dik il-parti tad-degriet li bih kien ordnat li jagħmel il-kontro-eżami tax-xhieda mressqa mill-parti avversarja b'affidavit li kien tressaq dak inhar stess tas-smigħ, u dan bi ksur ta' digriet li l-Qorti tal-Maġistrati kienet tat fis-smigħ ta' qabel tal-istess kawża fis-sens li l-provi kellhom jitressqu biss viva voce quddiemha;

"Illi l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar dan l-ilment jimxu id f'id ma' dawk magħmulin fiż-żewġ ċirkostanzi l-oħrajn. Hawn ukoll, minn dak li seħħ matul dik il-kawża, r-rikorrent qajla jista' jsib il-barka u l-approvazzjoni għall-mod kif hu u d-difensur tiegħu imxew. B'mod partikolari, dan jingħad għaliex, għalkemm huwa minnu li l-intimat Mario Muscat ressaq affidavit sewwasew dak inhar tal-aħħar smigħ tal-kawża, huwa xorta waħda xehed viva voce u kompla jfisser ix-xhieda li kienet tniżżlet f'dak l-affidavit. Minnu wkoll li lill-avukat tar-rikorrent ingħatat il-kopja tal-affidavit waqt is-smigħ, imma l-qofol jibqa' li Mario Muscat ta x-xhieda tiegħu dak il-ħin quddiem il-Maġistrat. Iżda meta l-Maġistrat stieden lill-avuka tar-rikorrent biex jagħmel il-kontro-eżami (preżumibilment wara li huwa kien diġa' wera li ma kienx f'qagħda li jkompli

[42] Kost. **14.3.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mintoff vs Avukat Ġenerali et***

jaqdi dmiru aktar), dan wieġeb li lanqas dak is-smigħ ma kien biżżejjed biex itemm il-kontro-eżami għaliex fi kliemu "kieku nagħmel kontro eżami lil Mario M uscat, irrid żewġ seduti sħaħ biex nagħmillu l-kontro-eżami"[43]. Fil-fehma tal-Qorti, din id-dikjarazzjoni turi li, minkejja l-istat ta' saħħa tal-avukat, il-ħsieb kien li dak inhar l-istadju tal-ġbir tal-provi ma jingħalaqx jew ma setax jingħalaq, u dan imur kontra ta' l-ordni li kienet ingħatat fis-smigħ ta' qabel u li kemm ir-rikorrent u kif ukoll l-avukat tiegħu kienu jafu biha minn qabel. Dan imur kontra dak li xehed l-istess xhud tar-rikorrent fil-kors ta' din il-kawża;

"Illi minħabba f'dawn il-konsiderazzjonijiet ukoll, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent ma seħħlux juri b'mod li jikkonvinċi li l-imsemmi degriet ġablu ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq;

"Illi ladarba l-Qorti waslet għal dawn il-fehmiet, m'huwiex meħtieġ li tistħarreġ l-eċċezzjonijiet l-oħrajn fil-mertu u m'humiex tal-intimati l-oħrajn[44];"

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrent li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata dik tal-21 ta' Jannar 2010, u minflok tilqa' t-talbiet tal-appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati;

Rat ir-risposti mressqa mis-socjetajiet Cranes and Commercial Sales Ltd, United Equipment Co. (UNEC) Ltd, John Portelli Enterprises Ltd, Joseph Caruana Co. Ltd, International Timber Products Ltd, u F.X. Borg Furniture Ltd, kif ukoll mill-Avukat Generali u minn Mario Muscat f'ismu proprju u f'isem Muscat Marine Ltd, li lkoll, ghar-ragunijiet minnhom individwalment sollevati fir-risposta rispettiva taghhom, qablu li l-aggravji mressqa mill-appellanti huma lkoll infondati, li s-sentenza tal-ewwel Qorti ghandha tigi kkonfermata, u li l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha kontra tieghu;

[43] Paġ. 203 tal-atti tal-kawża 51/02
[44] Ara n-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija intimata Joseph Caruana Co Ltd, f'paġġ. 154 – 6 tal-proċess

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hi straxxiku ta’ kawza ohra bejn l-istess partijiet u li giet finalment deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta’ Settembru 2007, b’ezitu sfavorevoli ghall-attur li hu r-rikorrenti odjern. Ir-rikorrenti, f’dawn il-proceduri, qed jallega li hu ma nghatax smiegh xieraq mill-qrati li kienu qed jittrattaw il-kaz tieghu fil-mertu peress li, fl-ahhar seduta quddiem l-ewwel Qorti (il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali) ma thalliex jerga’ jharrek xhud ghal seduta ohra (stante li ghal dik l-ahhar seduta kien hemm riferta negattiva), ma thalliex jaghmel il-kontro-ezami ta’ xhud tal-parti l-ohra, u ghax il-Qorti nsistiet li tkompli bis-smiegh tal-kawza avolja kien stqarr maghha li kien ghejja. L-ewwel Qorti f’dawn il-proceduri ezaminat dawn il-lanjanzi wahda wahda u sabet li ma kienux misthoqqa u, ghalhekk, cahdet it-talbiet tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti appella mis-sentenzi u baqa’ jinsisti li, kif sehhew l-affarijiet f’dik l-ahhar udjenza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), hu ma kellux smiegh xieraq.

Trattat l-appell, din il-Qorti tirribadixxi l-principju li l-Qorti Kostituzzjonali mhijiex u mhux se taghmilha ta’ Qorti ta’ tielet jew raba’ grad f’kawza. L-ilmenti li tressqu mir-rikorrenti f’dawn il-proceduri kienu kollha gew sottomessi bhala aggravji quddiem il-Qorti tal-Appell. Dik il-Qorti trattat dawk l-aggravji funditus u sabet li ma kienux misthoqqa. Ir-rikorrent jghid li bil-fatt li hu gie mcahhad minn rimedju ordinarju, ghax il-kawza tkun giet deciza kontra tieghu, ma jtellfux milli jitlob rimedju Kostituzzjonali. Fil-principju, dan hu minnu, pero`, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh illi ezami ta’ jekk giex osservat id-dritt ghal smiegh xieraq, invokat mir-rikorrent f’dawn il-proceduri, mhux xi haga esklussiva ghall-qrati kostituzzjonali jew konvenzjonali, izda anke l-Qorti tal-Appell tista’ tissindika u tara’ jekk Qorti Inferjuri osservatx

id-dettami rikjesti biex ikun hemm smiegh xieraq. Il-principji ta' gustizzja naturali jezistu biex jassiguraw smiegh xieraq, u Qorti b'kompetenza ordinarja ghandha obbligu tinvestiga l-iter procedurali ta' Qorti inferjuri meta jigi allegat li kien hemm xi haga li setghet twassal ghan-nuqqas ta' smiegh xieraq.
Minn dan isegwi li meta ilmenti ta' parti indirizzati lejn nuqqas ta' smiegh xieraq ikunu gew investigati u michuda mill-Qorti tal-Appell – li tkun ezaminat jekk gewx osservati l-principji ta' gustizzja naturali li jwasslu ghal smiegh xieraq, - ikun jirrazenta l-abbuz tal-process gudizzjarju li l-istess ilmenti jergghu jitressqu ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti. L-ezami li trid taghmel din il-Qorti biex titratta l-aggravji tar-rikorrenti, ghamlitu diga` l-Qorti tal-Appell u l-appellant issa jippretendi li din il-Qorti titratta dawk l-aggravji ghat-tielet darba!

Ghal kull buon fini, din il-Qorti tosserva li, in linea generali, l-ilmenti tar-rikorrenti fl-isfond tac-cirkostanzi tal-kaz, huma kompletament bla bazi. Tajjeb li jigi carat in principju, li kif intqal mill-Qorti Ewropea ta' Gustizzja fil-kaz **Edwards v. United Kingdom**, deciz fis-16 ta' Dicembru 1992:

*"…the applicant's allegations, in any event, ammount to a complaint that the proceedings have been unfair. It will therefore confine its examination to this point.*

*"34. In so doing, the Court must consider the proceedings as a whole including the decision of the appellate court (see, amongst other authorities, the Helmers v. Sweden judgment of 29 October 1991, Series A no. 212, p. 15, para. 31). Moreover it is not within the province of the European Court to substitute its own assessment of the facts for that of the domestic courts and, as a general rule, it is for these courts to assess the evidence before them. The Court's task is to ascertain whether the proceedings in their entirety, including the way in which evidence was taken, were fair (see, inter alia, the Vidal v. Belgium judgment of 22 April 1992, Series A no. 235-B, pp.32-33, para. 33)."*

Mehud in konsiderazzjoni l-fatti kif svolgew f'din il-kawza, din il-Qorti tara' li dak li sehh fl-ahhar seduta quddiem il-Qorti Inferjuri tal-mertu kien rizultat tat-traskuragni u non-kuranza tar-regoli ta' procedura li wera r-rikorrent tul l-iter tal-kawza. Il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha, ghamlet stharrig ta' kif ir-rikorrent ittratta l-kaz u sabet li dak li gara fl-ahhar seduta kien, fil-fatt, tort tar-rikorrenti. Din il-Qorti, wara li ezaminat dak li sehh quddiem il-Qorti Inferjuri, taqbel fejn il-Qorti tal-Appell osservat illi:

*"Huwa evidenti, ghalhekk, li l-ewwel Qorti tat bosta opportunitajiet lill-attur biex huwa jkun jista' jressaq il-provi kollha tieghu. L-appellant kellu ghad-disposizzjoni tieghu xejn anqas minn hames seduti (bejn l-14 ta' Novembru 2003, u s-16 ta' April 2004) u qieghed jippretendi li huwa kellu dritt li dawn is-seduti "ma jutilizzahomx" impunement. Din il-Qorti jidhrilha l-ewwel Qorti kellha ragun ma tilqax it-talbiet tal-attur, fid-dawl tal-operat passat tieghu, biex tevita li l-kawza tkompli titwal. Ghaldaqstant ma kien hemm l-ebda skorettezza min-naha tal-ewwel Qorti, f'dak kollu li ghamlet u li pprovdiet fl-udjenza tal-5 ta' Settembru 2004. Ghalhekk anki dan it-tieni aggravju qieghed jigi michud."*

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Vassallo et v. Bondin et**, deciza fil-5 ta' Dicembru 2001:

*"Il-konvenuti bi zvista m'attendewx ghall dawn is-seduti u l-ewwel Qorti kienet allura iktar milli gustifikata li tiddikjara l-istadju tal-provi definittivament maghluq u tghaddi minnufih ghall-ghoti tas-sentenza. M'hemmx ghalfejn jinghad wisq dwar l-import tal-principju audi alteram partem fis-sens illi dan ma kienx jimporta illi l-parti in kawza setghet tabbuza bil-process gudizzjarju u taghzel li tinjora d-direttivi tal-Qorti fil-kondotta tal-process. Kien principju li jobbliga lill-parti ghall-kuntrarju illi ssegwi ad unguem r-regoli procedurali kemm dawk statutorji kif ukoll dawk moghtija mill-gudikant ghall-ahjar prosegwiment tal-process. Jekk wiehed jaghzel li jinjora dawn ir-regoli jaghmel dan a riskju tieghu. Certament il-Qorti kienet obbligata illi tassigura illi mhux biss id-direttivi taghha jigu debitament u tempestivament obduti imma wkoll li hadd*

*ma jithalla jostakola l-kors tal-gustizzja mill-osservanza taghha."*

Dan hu taghlim dottrinali li jghodd ukoll f'kaz ta' stharrig li jsir minn din il-Qorti taht Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, ghax min ma jsegwix il-procedura dettata mil-ligi jew mill-Qorti fil-kaz partikolari, ma jistax jilmenta minn xi nuqqas li sehh fil-konfront tieghu. Din il-Qorti fil-fatt, fil-kawza **Grech v. Avukat Generali**, deciza fl-20 ta' Dicembru 2000, kienet qalet li fejn il-partijiet jonqsu milli jaghmlu uzu minn din l-istess opportunita` huma certament *"ma jkunux jistghu jilmentaw li ma jkunux inghataw smiegh xieraq skont il-Konvenzjoni u skont il-Kostituzzjoni izda setghu biss ilumu lilhom infushom illi jkunu tilfu, kienet x'kienet ir-raguni, l-opportunita` taghhom skont ir-regoli procedurali li jiggvernaw il-process."*

Hekk ukoll il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Pisani et v. Gatt et**, deciza fl-20 ta' Marzu 2009, osservat illi *"wiehed ma jistax jippretendi li l-ordnijiet u t-termini ffissati mill-Qorti jigu injorati bla raguni valida u li parti tmexxi l-kawza u tressaq il-provi kif u meta trid hi flok meta tghdilha l-Qorti!"*

Dan kollu japplika ghall-ilmenti li ressaq ir-rikorrenti f'dawn il-proceduri. L-attur fil-kawza fil-mertu sistematikament injora l-opportunitajiet li taghtu l-Qorti Inferjuri biex iressaq il-provi tieghu. F'hin minnhom, dik il-Qorti ordnat li fis-seduta li jmiss jingabru l-provi tal-attur (wara li kien naqas li jidher f'diversi okkazzjonijiet precedenti), b'intiza li wara dik is-seduta jibdew jingabru l-provi tal-konvenuti. Ghas-seduta sussegwenti iffissata, kif inghad, appozitament ghall-provi tal-attur, dan ma deherx u lanqas ma tressqet skuzanti ghal tali nuqqas. Eventwalment, wara l-gbir tal-provi tal-konvenut, il-kawza thalliet ghas-sentenza, bl-attur, fl-ahhar iqum u jitlob is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza halli jkun jista' jressaq il-provi tieghu. Il-Qorti Inferjuri tat l-ahhar opportunita` biex il-partijiet iressqu l-provi taghhom f'seduta wahda u <u>l-attur ma oggezzjonax ghal din il-koncessjoni kif moghtija lilu</u>. F'dik is-seduta, pero`, stqarr li ried tnejn jew tliet seduti ohra ghall-kontro-ezami ta' xhud partikolari, u ried opportunita` ohra biex

jipproduci xhud li lanqas biss kien dikjarat fl-elenku tax-xhieda tieghu.  Il-Qorti tal-Magistrati, meta rat dan u kif l-attur ried, f'dak l-istadju, jaghmel dak li ma ghamilx fid-diversi opportunitajiet li nghata fi stadji precedenti tas-smiegh tal-kawza, cahdet it-talba ghal differimenti ulterjuri. Dwar ix-xhud, il-Qorti, skont ir-regoli procedurali, osservat ukoll li ma kienitx sejra taccettah la darba ma kienx indikat mill-attur fil-lista tax-xhieda tieghu.

Kien hawn li l-avukat tal-attur talab differiment ghax qal li kien ghejja, izda apparti li din il-Qorti thoss li din kienet mossa zleali ghall-akkwist ta' aktar hin, meta qieset l-antecedenti ta' dik l-ahhar seduta u z-zmien li r-rikorrent/attur hela ghal xejn, ma tarax li dik il-Qorti ma kienitx gustifikata li tinsisti li tghalaq il-gbir tal-provi dakinhar.

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti bhal l-ewwel Qorti qabilha, ma tarax li r-rikorrenti gie mcahhad mill-opportunita` li jressaq il-kaz tieghu ghal konsiderazzjoni tal-qrati ordinarji.
Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mir-rikorrent billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Qorti fil-21 ta' Jannar 2010.

L-ispejjez marbuta mas-sentenza preliminari moghtija mill-ewwel Qorti fis-26 ta' Marzu 2009, jithallsu kif deciz f'dik l-istess sentenza, filwaqt li l-ispejjez l-ohra kollha tal-kawza jithallsu mir-rikorrent appellant, u peress li tqis li dan l-appell kien kompletament fieragh u vessatorju tikkundannah ghal hlas ta' spejjez doppji.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------